**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Simone Grech**

**Illum 8 ta' Jannar 2020**

**Il-Pulizija**

**(Supretendent Josric Mifsud)**

**Vs**

**Stephen Jerome Wyatt**

**Aigul Aimakova**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet imressqa kontra Stephen Jerome Wyatt detentur tal-karta ta' l-identita' numru 131945A u Aigul Aimakova, detentrici tal-karta ta' l-identita' numru 131946A li permezz taghhom gew akkuzati li:

"*nhar il-21 ta' Ottubru 2016, u xhur u fil-gimghat ta' qabel minn gewwa l-fond Springfield Farmhouse, Sqaq Palma, Zabbar, b' diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti u li kisru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda:*

*a) Serqu zewg (2) gwardarobbi liema serq hu aggravat bil-valur u dan skond l-artikli 261 u 267 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*b) Kif ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, b' nuqqas ta' hseib, bi traskuragni, jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew fil-professjoni taghhom jew b' nuqqas ta' tharis ta' regolamenti kkagunaw hruq jew ghamlu xi hsara jew*

*hassru jew gharqu, ikkagunaw hsara fi chest of drawers u dan bi ksur ta' lartikolu 328(d) tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta*

*Talli nhar il-21 ta' Ottubru 2016 ghal habta ta' bejn is-siegha u nofs ta' wara nofsinhar u d-disgah u nofs ta' filghaxija (1330 – 2130hrs) minn gewwa l-fond Springfield Farmhouse, Sqaq Palma, Zabbar*

c) *Kif ukoll talli fl-istess lok, data, hin u cirkustanzi bla hsieb li jisirqu jew jaghmlu hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercitaw jedd li ppretendew li ghandhom gieghlu bl-awtorita' taghhom infushom jew fixklu lil Francis Pace, Charles Pace, Christine Pace u Gieselle Napoli fil-pussess ta' hwejjighom jew b' ximod iehor, kontra l-ligi indahlu fi hwejjeg haddiehor.*

Rat it-traskrizzjonijiet kollha tax-xhieda moghtija fl-atti ta' din il-kawza.

Rat l-atti kollha tal-kawza li nstemghet kontestwalment ma' dik odjerna u cioe' latti tal-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Francis Pace et.

Semghet trattazzjoni.

Rat l-atti kollha ta' din il-kawza.

Rat li l-kawza qeghda differita ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

**Provi mressqa**

**<u>Xhieda viva voce</u>**

In succint, il-provi mressqa kienu s-segwenti:

Is-**supretendent Josric Mifsud** xehed fis-seduta tal-21 ta' Frar 2018 fejn spjega li fil-21 ta' Ottubru 2016 huwa gie infurmat li kien hemm xi incident bejn Wyatt u Francis Pace fuq xi post fi Sqaq Palma, Zabbar. Sostna li ghal xi siegha u nofs jew s-saghtejn neqsin kwart ta' wara nofsinhar, Charles Pace kien gharrfu li missieru kien jikri post fi Sqaq Palma lil Wyatt u li dan kien halla xi hsarat. Spjega li huwa ordna lill-pulizija jmorru fuq il-post halli jzommu l-bon ordni minhabba ddizgwid li kien hemm bejn il-partijiet. Spjega li l-kwistjoni twalet peress li Pace nsistew li kienet ittiehdet xi gwardarobba minn gol-post filwaqt li Wyatt innega dan. Qal li kien hemm problema peress li l-ghamara kienet giet mghobbija go vann u Wyatt ma thalliex johrog minn go passagg partikolari ghax kienet proprjeta' ta' persuni partikolari li rrifjutat li thalli lil dan il-vann jghaddi minn hemm. Spjega li passagg bir-rigel li kien jaghti mill-post mikri ghal barra kien hemm u fl-ebda hin ma gie impediet Wyatt u l-familja tieghu milli johorgu minn dan il-passagg bir-rigel.

Spjega li sussegwentement, kien sar qbil li l-vann tithalla tohrog bl-affarijie, izda xhur wara rcieva kwerela da parti ta' Wyatt fejn saru allegazzjonijiet li Pace uzaw kliem razzist fil-konfront ta' Wyatt u l-familja tieghu. Huwa sostna li ma kienx prezenti fuq il-post.

In **kontroezami** , huwa kkonferma li l-kwerela da parti ta' Pace giet pprezentata fl-20 ta' Novembru 2017 madwar sena wara l-incident. Spjega li l-kwerela giet ipprezentata wara li Pace saru jafu li kienu ttiehdu proceduri kontra taghhom in vista ta' kwerela da parti ta' Wyatt u l-familja tieghu.

Kompla jghid li fil-21 ta' Ottubru 2016, huwa gie nfurmat b' dan l-incident minn Charles Pace. Spjega li s-surgenta WPS 210 kkonstat il-hsara li kienet saret. Wyatt kien talab li jittiehdu passi kontra Pace xhur wara meta ntbaghtet kwerela mill-Estonia. Il-kwerela waslet ghand il-pulizija fit-3 ta' Frar 2017.

**PC 215** xehed fil-21 ta' Frar 2018 fejn qal li huwa kien *second watch*l-ghassa Bormla fil-21 ta' Ottubru 2016 u mar mas-surgenta WPS 210 gewwa Springfield Farmhouse, Sqaq il-Palma, Haz-Zabbar. Spjega li Francis u Charles Pace kienu krew din il-farmhouse lil Stephen Wyatt u Pace riedu jiccekjaw jekk kienx hemm hsarat fil-post lokat qabel ma jivvaka l-istess post. Qal li l-familja Pace allegat li bhala hsarat kien hemm xi zewg umbrellel mkissra, ghatu ta' plastik ta' pompa mkisser, xi remote nieqsa u xi gradenza b' wicc mtebba' b' likwidu iswed. Spjega li Wyatt ma riedx ihallas tal-hsarat. Qal li l-familja Pace bdiet tghid li kien hemm gwardarobba kollha mirja nieqsa. Xhin kienu fuq il-post, kien hemm vann fejn kienu qed jigu ppakkjati xi affarijiet ta' Wyatt. Sostna li bil-kemm setghu jikkoperaw ma' Wyatt ghaliex dan kien il-hin kollu jghid li l-Maltin razzisti, li ha

jkellem lill-ambaxxata u skont PC 215 Wyatt kien stramb hafna maghhom. Spjega li huma baqghu f' kuntatt ma' l-ispettur. Charles Pace ta access lil Wyatt biex jitlaq. Qal li l-farmhouse kienet imqassma naha ghandha x' taqsam ma' oht Charles Pace u naha ma' Charles Pace. Izda l-access li kellu minghand Charles Pace ma setghax jghaddi l-vann. Fl-ahhar inghata access ghal xi tmienja ta' filghaxija biex il-vann ikun jista' johrog ukoll.

In **kontroezami**, huwa spjega li huwa wasal fuq il-post wara t-tlieta ta' wara nofsinhar. Huwa sostna li ma sema' l-ebda kliem razzist li ntqal fir-rigward ta' Wyatt. Wyatt lanqas ma gibidlu l-attenzjoni li kien intqal xi kliem razzist filkonfront tieghu. Sostna li Wyatt kien inghata access biex jitlaq bil-pass minn Charles Pace. Bil-vann ma setax jitlaq ghaliex kien hemm xi affarijiet li kienu nieqsa. Spjega li Charles Pace beda jghid li kien hemm gwardarobba nieqsa izda ma kienx possibbli li jerga' jitbattal il-vann kollu li kien gia tghabba. Sostna li lpulizija fl-ebda hin ma zammet lil Wyatt milli jitlaq. Insista li huma bhala pulizija kienu marru biss ghal bon ordni. Innegga li l-pulizija nsistew ma' Wyatt li kien ahjar ghalih li jhallas lil Pace. Spjega li l-kwistjoni giet risolta wara li l-familja Pace hadet parir minghand l-avukat taghha u kien inutli li kulhadd jibqa' hemm ghaliex Wyatt ried isiefer. Spjega li huwa ma jafx jekk dak li osserva mkisser kienx gie mkisser fi zmien li l-post kien mikri. Sostna li kien hemm xatba maghluqa. Spjega li l-pulizija bil-karozza dahlu fl-inhawi in kwistjoni.

In **riezami**, huwa spjega li ma setghux jikkomunikaw ma' Wyatt peress li kif kien jigi mitkellem, dan kien jgholli lehnu, jghid li l-Maltin kollha razzisti u li ha jcempel l-ambaxxata. Spjega li Wyatt ghamel hin twilfuq it-telefon fejn semma lillpulizija u kliem iehor bhal *fuck*. Spjega li kien difficli biex titkellem mieghu ghaliex kien qisu *powerful*. Sostna li x-xatba maghluqa kienet il-parti li jghaddu minnha l-vetturi u din kellha x' taqsam maghha oht Charles filwaqt li fejn tidhol bir-rigel ghandu x' jaqsam maghha Charles Pace.

In **kontroezami**, huwa kkonferma li thalla access ghal min ried. Il-kwistjoni damet minhabba l-hatt ta' l-ghamara u l-ispezzjoni. Ikkonferma li kien hemm prezenti Francis Pace u Charles Pace u imbaghad gew hut Charles Pace wkoll. Insista li huwa fl-ebda hin ma sema kliem razzist jew kliem li jista' jiftiehem li huwa razzist. Qal li l-kliem razzist intqal fil-konfront tal-korp tal-pulizija. Kien Wyatt li kien qed jghid kliem bhal *fuck* fil-konfront tal-familja Pace. Sostna li Wyatt ghamel l-arja bl-ambaxxata u li l-kwistjoni ma kinitx ser tieqaf hawnhekk. Sostna li huwa ma jeskludix li ntqal kliem bhal *white bastards* jew *white bitch*. Spjega li huwa fejn Wyatt u s-sinjura tieghu kien. Sostna li huwa ma rax lil wahda mill-familja ta' Pace taghti daqqa lil Wyatt.

**Pc 486 Ryan Camilleri** xehed fil-21 ta' Frar 2018 fejn spjega li fil-21 ta' Ottubru 2016 ghal xi siegha u nofs, gie Francis Pace jirraporta li l-inkwilin kellu jhallsu xi ammonti u li dan kien aggressiv fil-konfront tieghu. Sostna li Pace kien qalilhom li kien qed jibza' jerga' jmur wahdu. Huwa flimkien ma' PC 1324 marru filfarmhouse u tkellmu ma' Stephen Wyatt li nnega li ma kienx hallas lil Pace u li kien aggressiv ma' Pace. Spjega li kif kienu hemm, gie Charles Pace u ssuggerewlu li jmur ikellem avukat fuq il-kwistjoni civili. Qal li ftit wara rcivew ordni millIspettur biex jergghu jmorru fuq il-farmhouse ma' Francis u Charles Pace biex tkun tista' ssir spezzjoni ta' xi affarijiet. Spjega li l-Ispettur qalilhom biex imorru ghal bon ordni. Spjega li huma regghu marru u spezzjonaw il-post ma' Charles u Francis Pace flimkien ma' Stephen Wyatt. Francis Pace qal li kienu hemm zewg umbrellel imkissra li Wyatt qal li kienu tkissru bir-rih. Kien hemm apparat tal*pool* li kien mghotti b' cover li kienet imkissra izda Wyatt insista li dik kienet imkissra sa mill-bidu. Kien hemm remote tat-televixin li Wyatt ammetta li tkissret b' mod accidentali mit-tifel tieghu. Kien hemm xi dbabar suwed fuq gradenza li Wyatt ammetta li kienu saru ghax nesa xi xemgha. Intqal li kien hemm gwardarobba ta' EUR 500 nieqsa izda Wyatt innega dan. Sostna li ftit wara Wyatt qal li l-gwardarobba kienet tieghu. Spjega li Wyatt qabel li jhallas gharremote u ghall-gradenza izda meta ntalab l-ammont ta' elf Ewro, huwa rrifjuta.

Spjega li l-elf ewro ntalbet fir-rigward tal-gradenza, tar-remote u talgwardarobba. Sostna li fl-ebda hin il-familja Pace ma zammet fizikament lil Wyatt u l-familja tieghu milli jitilqu mill-post. Il-prorjeta' hija maqsuma f' zewg bicciet. Qabel il-farmhouse hemm ghalqa u bit-triq li taghti passagg ghall-karozzi ghal gol-farmhouse. Fuq wara tal-farmhouse hemm sqaq zghir li jghaddu l-persuni minnu. Wyatt kellu vann mimlija u ried jghaddi bil-fors mit-triq. Il-proprjeta' ma kinitx ta' Francis Pace izda tat-tifla tieghu. Spjega li wara hafna, Charles u Francis Pace avvettaw li jhallu kollox ghaddej u fil-prezenza tieghu qalu li ma ridux jiehdu passi legali fil-konfront tal-familja Wyatt.

In **kontroezami**, huwa spjega li kien involut mill-bidu. Spjega li l-ewwel marru fuq il-post ghal xi saghtejn u imbaghad telqu u regghu marru ghal xi l-erbgha u

nofs biex izommu l-bon ordni ghax kienet ser issir spezzjoni. Spjega li huma kellhom jmorru fuq il-post ghax il-persuni kienu aggressivi lejn xulxin. Ilkwistjoni spiccat ghad-9.30 ta' filghaxija. Spjega li l-vann ma setax johrog ghaliex kien imblukkat b' vettura. Huwa cahad li ntqal xi kliem razzist fil-konfront ta' Wyatt. Sostna li Wyatt kien veru arroganti mal-pulizija u beda jghid li huma razzisti u li mhux qed jigi trattat bhal persuni ohra. Sostna li Wyatt seta' jitlaq xhin ried.

Kompla jghid li meta mar Francis Pace l-ghassa, dan kien qal li Wyatt kien aggressiv mieghu. Ikkonferma li l-kelma *fuck* giet uzata diversi drabi minn Wyatt. Din intuzat kemm fil-konfront tal-pulizija u kemm fil-konfront tal-familja Pace.

Spjega li huwa baqa' jiftakar it-ton li kien qed juza Wyatt mal-pulizija. Ikkonferma li fil-proprjeta' mikrija, dahlu erba' persuni mill-familja Pace. Spjega li kien hemm tensjoni bejn il-partijiet. Spjega li ghall-ewwel il-kwistjoni bdiet fuq il-kera izda imbaghad daret fuq il-hsarat u l-gwardarobba nieqsa.

**Michelle Dinu** xehdet bil-lingwa Ingliza fil-21 ta' Frar 2018 fejn qalet li hija *carer* u kienet hadmet mal-familja Wyatt fuq bazi *part time* ghal sena fiz-Zabbar. Spjegat li hija rat tlett irgiel jippakkjaw l-affarijiet u hija kienet hemm biex tghinhom. Bejn is-saghtejn u t-tlieta ta' wara nofsinhar gie sid id-dar u beda jinghadd biex jitilqu mid-dar. Qalet li rat lil Francis Pace qabad flixkun u kien ser jaghti daqqa f' ras Stephen Wyatt bl-istess flixkun. Qalet li hija kienet fil-kcina. Francis Pace qabez fuq is-sufan, qabad flixkun u iben Francis Pace kien ser jiggieled ma' Stephen Wyatt. Spjegat li l-ohrajn bdew jinsulentaw lil Stephen Wyatt u jghidulu kliem bhal *monkey* u jordnawlu biex jitlaq. Spjegat li ma thallewx jitilqu. Hija gharrfet lil Francis Pace u lil ibnu.

Spjegat li anke l-bniet gew flimkien ma' missierhom u huhom u komplew jghidu kliem hazin. Spjegat li l-pulizija gew u ma setghux iwaqqfuhom. Sostniet li ma setghux jitilqu ghax xatba minnhom kienet imblukkata bil-gebel. Sostniet li rnexxielhom johorgu ghal habta tas-sitta ta' filghaxija. Sostniet li l-pulizija kienu qed jitkellmu mal-partijiet izda hi kienet mat-tfal ghaliex kienu qed jibku.

In **kontroezami** hija spjegat li ma ghadhiex tahdem ma' Wyatt. Spjegat li gieli kkomunikat mal-familja ta' Wyatt tramite *facebook*. Ikkonfermat li kien hemm pulizija prezenti u cioe' pulizija mara u tlett pulizija rgiel. Ikkonfermat li dawn kienu qed jghajjtu ma' kulhadd. Hija kkonfermat li semghet il-kliem *white bitch* u *asshole*. Hija kompliet li dan il-kliem ma ntqalx minn Wyatt izda minn wahda min-nisa Pace, precizament Gieselle Napoli. Il-pulizija ppruvaw jwaqqfu lil Pace milli jghidu dan il-kliem.

**Stephen Jerome Wyatt** xehed bil-lingwa Ingliza fil-21 ta' Frar 2018 fejn wara li ta l-*personal background* tieghu, spjega li hu u martu krew farmhouse minghand Francis Pace. Spjega li kellu relazzjoni tajba ma' Francis Pace u ghamel hafna miljoramenti fl-istess post. Sostna li fil-ftehim tal-kera, hemm referenza ghallinventarju izda huwa qatt ma ffirma l-ebda inventarju. Ikkonferma li filfarmhouse kien hemm mobbli li kienu jappartjenu lil Pace. Spjega li qabel kienu joqghodu f' post iehor f' Attard u kienu xtraw xi ghamara fosthom gwardarobba ta' xi 4 metri, kif uukoll gwardarobba ohra. Spjega li meta dahlu fil-farmhouse, infurmaw lil Francis Pace li ma ridux gwardarobba u din tnehhiet u tpoggiet go *storge unit* ta' Pace. Sostna li Pace nehha gwardarobba wahda u halla wahda biss. Spjega li huma kellhom zewg gwardarobbi taghhom li tpoggew wahda fuq u wahda

fil-*master bedroom*. Il-gwardarobba li halla Pace fil-farmhouse thalliet fil-kamra tas-sodda ta' fuq li kienet tintuza ghal mistednin.

Qal li xahar u nofs qabel ma' kienu ser jitilqu, infurmaw lil Pace li l-1 ta' Novembru kienet ser tkun l-ahhar gurnata taghhom. Madanakollu, irnexxielhom li jitilqu fil21 ta'Ottubru stante li kienu lahqu ssettiljaw l-affarijiet taghhom kollha. Francis Pace ghaddielu kont tad-dawl li kien ta' EUR 3,500 li thallas immedjatament minnu u hallsu tal-kera sa l-1 ta' Novembru. Fil-21 ta' Ottubru, spjega li kellu nnies biex jippakkjaw l-ghamara u Francis Pace gie fuq il-post ghal xi l-ghaxra u nofs. Spjega li dan kellu javzah 24 siegha qabel li kellu jaghmel spezzjoni. Kien hemm Michelle qed tnaddaf wara l-haddiema. Huwa talbu biex jigi hin iehor ghax dak il-hin kien hemm hafna konfuzjoni. Izda Francis Pace insista mieghu li ried jaghmel l-ispezzjoni dak il-hin. Qal li huwa ghalaq il-bieb u ma hallihx jidhol. Ftit hin wara, gie ragel ma' Francis Pace li gie ghall-glied. Kien hemm mara b' xagharha iswed li gharaf bhala Gieselle Napoli li taghtu daqqa ta' harta u huwa wissieha biex ma tergax taghmilha. Huwa sakkar il-bieb li kien *sliding door* talhgieg u cempel ghal pulizija.

Spjega li minn wara l-bieb tal-hgieg, Gieselle Napoli bdiet tghid kliem *oh you black mother fucker, you fucking monkey, you God damn nigger, go back to Africa.* Spjega li bdiet tghid lil martu *why do you let the monkey fuck you.*Kienet qed tagixxi bhal mignuna. Meta waslu l-pulizija, dawn talbuha biex titlaq. Spjega li dawn telqu u regghu gew ghal xi saghtejn ta' wara nofsinhar. Gew il-pulizija u kienu jghidulhom jitilqu. Dawn jitilqu u jergghu jigu. Sostna li huma ghalqu l-access billi poggew *tractor* u ghalqu bil-ktajjen. Huwa sostna li ma jafx meta sar dan kollu. Izda sostna li sar minnhom u kien ukoll kisru l-*lock* tax-xatba u ghamlu wahda ikbar. Ghal erbgha, regghu cemplu lil pulizija u din id-darba gew 4 pulizija. L-ufficjal mara tal-pulizija kienet fuq it-telefon ma' l-ispettur li kien qed jordna li huma ma setghux jitilqu. Ghal xi sitta kienu spiccaw jippakkjaw kollox. F' daqqa Gieselle Napoli u Francis Pace rnexxielhom jidhlu fejn il-bieb ta' barra u regghet tat daqqa lil Wyatt quddiem ufficjal tal-pulizija. Spjega li huwa qalilha quddiem l-ufficjal tal-pulizija li jekk terga' taghtih, kien ser jaghtiha lura. L-ufficjal tal-pulizija ma ghamel xejn.

Spjega li kien hemm pulizija beda jinsisti maghhom li jekk ma jhallsux lil Pace ma setghux jitilqu. Spjega li huwa cempel lil accountant u lin-nies li kienu jiehdu hsieb l-affarijiet taghhom li lkoll ikkonfermaw li kollox kien imhallas. Sostna li mbaghad Pace bdew jghidu li ttiehdet gwardarobba u li ghalhekk kellhom jaghtuhom EUR 2000. In-nies li ghabbew il-vann kienu hadu ritratti ta' dak li ppakkjaw u urew lil Pace r-ritratti tal-gwardarobbi. Sostna li Charles Pace beda jallega li gwardarobba li kien hemm fil-vann kienet proprjeta' taghhom u mhux tal-familja Wyatt. Qal li kellhom icemplu lil hanut minn fejn xtraw din

ilgwardarobba sabiex igibu prova li dik il-gwardarobba kienet ta' Wyatt. Spjega li l-vann thalla jitlaq billi nfethet il-gate izda hu u l-familja tieghu flimkien maxxufier u Michelle ma thallewx jitilqu. Intalbu imbaghad EUR 250 ghaliex martu kienet tahraq xi xemghat u darba bl-*spark* taret ghal fuq gradenza. Sostna li ttebgha kienet size ta' *pin*. Qal li huwa ma riedx ihallas EUR 350 ghal tali hsara ghax din kienet *wear and tear*. Issemmiet *remote control* li huwa kien lest li jhallas xi EUR 5 jew Eur 10 ghaliha. Spicca li ma hallas xejn. Qal li huwa kellu mara tqila, tifel bil-guh, u kellu ajruplan x' jilhaq. Li kieku seta' jitlaq, kien jaqbad u jitlaq izda ma thalliex jitlaq.

**Aigul Aimakova** xehdet bil-lingwa Ingliza fil-21 ta' Frar 2018 fejn qalet li kien hemm sitt irgiel qed jippakkjaw l-affarijiet taghhom. Qalet li f' xhin wara nofsinhar semghet hsejjes mhux tas-soltu u nizlet fejn zewgha. Hemmhekk rat lil familja Pace prezenti fejn zewgha. In-nisa kienu qed jghajjtu u ma setghetx tifhem x' kienu qed jghidu. Michelle qaltilha li dawn kienu qed jagixxu b' mod stramb u zewgha fehemha li dawn kienu qed jinsistu li huma kien baqalghom ihallsuhom. Stephen Wyatt ghalaq il-bieb tal-hgieg u n-nisa baqghu jiggranfaw mieghu. Spjegat li hi staqsiethom xi jridu u meta dawn qalulha li kellhom ihallsuhom, hija staqsiethom ghalxiex. Spjegat li zewgha cempel lil pulizija. Waslu zewg pulizija rgiel u wahda mara li kellmu lil zewgha u lilha li nfurmawhom li kienu hallsu kollox. Il-puliziija marru 'l barra u kellmu lil Pace.

Spjegat li l-pulizija mbaghad nfurmawhom li Pace kienu qed jippretendu hlas ta' gwardarobba. Spjega li l-pulizija kienu qed jghaddu l-messaggi mill-familja Pace ghalihom u vice versa ghaliex hi kienet imwerwra mill-atteggjament ta' Pace. Spjegat li nfurmaw lil pulizija li huma kienu xtraw gwardarobba mill-Atrium u din kienet taghhom. Spjegat li Pace talbu li jaghmlu spezzjoni izda zewgha qal lil pulizija li din kellha ssir meta huma jkunu telqu.

Hija qalet li meta gew il-pulizija l-ewwel darba, ordnaw lil Pace jitilqu u dawn telqu izda imbaghad hi mit-tieqa rathom li ma kinux telqu u kien ghalhekk li regghu cemplu lil pulizija. Spjega li l-kwistjoni damet u binha kien bil-guh u beda jsir imqareb. Imbaghad Charles Pace kien awtorizza li jithallew jitilqu. Sostniet li l-access kien gie blukkat. Kien hemm access li tpoggew hafna gebel fih mentri laccess l-iehor ghamlu *tractor* u *log*. Spjegat li x-xufier taghhom prova jagixxi ta' medjatur izda lanqas thalla jitlaq. Spjegat li l-familja Pace ma halliethomx jitilqu u l-pulizija bdew jinsistu li l-familja Wyatt riedet thallas. Spjegat li pulizija qalilha li persuni bhal familja Pace ma jirrispettawx lanqas lil pulizija.

In **kontroezami**, hija spjegat li hija ma ratx min kien qed isuq it-*tractor* izda sempliciment rat *tractor* quddiem ix-xatba. Spjegat li kien hemm *lock* fix-xatba izda mistoqsija jekk ratx min poggiha, qalet li ma ratx min wahhal dawn il-*locks.*

**Charles Pace** xehed fil-21 ta' Frar 2018, fejn qal li fit-18 ta' Ottubru 2016 missieru kien infurmah li l-inkwilin tal-farmhouse ta' Haz Zabbar kien ghadu ma hallasx il-kont tad-dawl u ilma u li meta staqsih ghal hlas, dan l-inkwilin kien qed jghajjat miegu. Spjega li huwa kien tkellem ma' l-inkwilin u tkellem ma' laccountant ta' l-istess inkwilin biex tigu solvuta l-kwistjoni. Spjega li l-inkwilin Wyatt kien aggressiv mieghu f' dik l-okkazzjoni tant li ghajru *mother fucker, white bastard.* Fil-21 ta' Ottubru 2016, missieru nfurmah li Wyatt kien ser jitlaq u huwa qal lil missieru biex imur bil-kwiet biex jispezzjona l-proprjeta'. Missieru mar ghal xi siegha u nofs u ftit wara missieru cempillu li Wyatt hareg ghalih . Qal lil missieru li kien ser jigi hu u safrattant mar l-ghassa u talab l-assistenza talpulizija ghal bon ordni. Spjega li huwa kellu dritt li ssir spezzjoni ai termini talkuntratt tal-kera. Spjega li kellem lil Spettur u dan qallu li ser jibghat xi ufficjali iktar tard ghal bon ordni.

Qal li xhin kienu sejrin fil-farmhouse, sab xi pulizija gewwa u kien hemm ohtu Gieselle Napoli agitata. Spjega li Wyatt hareg ghalih b' certu atteggjament u beda joffendik *mother fucker* u kliem ta' din in-natura. Spjega li huwa talbu li ssir spezzjoni izda din qallu biex isir ghada meta hu ikun lahaq telaq. Spjega li huma ma ghandhomx *tractors*. Lanqas ma ra ktajjen ghax kulhadd diehel u hiereg kien. Spjega li huma ghadu bilqeghda fuq bank bil-gebel. Spjega li ftit wara giet surgenta ippanikjata li Wyatt kien cempel li kienu qed joqtluh, izda huwa spjegalha li huma bilqeghda baqghu. Spjega li accettaw li jmorru fl-ghalqa ta' ohtu biex ikun iktar il-boghod.

Spjega li wara xi hin wara li kien izzarma kollox, saret l-ispezzjoni u Wyatt kellu atteggjament hazin hafna mal-pulizija. Spjega li hasbu li r-remote kienet imkissra imma kienet maqlugha u mbaghad irrangawha. Qal li huwa kien ra r-ritratti ta' kif armat il-post qabel ma' nkera. Il-post kien l-ewwel darba li nkera. Spjega li kien hemm zewg gwardarobbi ta' fuq nieqsa. Spjega li kien hemm hruq filgradenza. Spjega li Wyatt qal li kellu xi xemgha li harqet il-wicc tal-gradenza. Fuq gwardarobbi Wyatt qal li dawn kienu tieghu. Qam battibekk dwar il-gwardarobbi. L-ammont tal-hsarat u oggetti nieqsa kienu jammontaw ghal EUR 950. Spjega li meta nfurmat lil Wyatt li kellu jmur l-ghassa biex jispjega ruhu, dan kien vulgari u pastaz hafna. Kien ilu jcempel lill-ambaxxata u jipprova jimpressjona. Fl-ahhar huwa qata' qalbu u qalilhom biex ihalluh ghaliex ried jiffranka l-inkwiet lil kulhadd.

In **kontroezami**, huwa spjega li Francis Pace kera lil Wyatt. Sostna li linventarju kienu r-ritratti li ttiehdu. Huwa ma kienx ma' missieru meta dan mar fil-ghodu. Huwa ma kienx konvint li l-hlas kien sar u ghalhekk imbaghad intalab li jsiru l-verifiki. Ma rrizultax li kien hemm xi gwardarobba taghhom fil-vann.

Sostna li l-pulizija kontra tieghu hadmu ghaliex Wyatt kien arroganti u ma kien qed jikkalkula lil hadd.

**Gieselle Napoli** xehdet fil-21 ta' Frar 2018 fejn qalet li Wyatt kien kemm-il darba jilmenta fuq affarijiet bhal per ezempju hsejjes li taghmel plastik quddiem il-bieb meta jkun ir-rih. Spjegat li dakinhar ta' l-incident missierha cemplilha li Wyatt hebb ghalih u heddu li ser joqtlu. Qalet li hi u ohtha marru fuq il-post u hi ppruvat tkellem lil Wyatt bil-kelma t-talba. Sostniet li dan lanqas biss kien avzahom li kien ser jitlaq. Missierha kien mar b' kumbinazzjoni u ra l-vann u nies izarmaw. Spjegat li hi talbet lil Wyatt biex issir spezzjoni izda dan keccieha 'l barra u ghajjarha *white bastard* u *bitch.* Spjegat li hija qatt ma tatu xi daqqa. Kien ragel vera aggressiv. Spjega li Wyatt cempel lil pulizija biex ikeccihom 'il barra mitterrazzin.

Ezebiet ritratti tal-gwardarobbi li ma nstabux fil-post. Dawn ir-ritratti ttiehdu minnha qabel ma' dahal Wyatt fil-post. Izda dawn il-gwardarobbi ma kinux hemm meta telaq Wyatt. Uriet ritratti ta' l-umbrellel li kienu ghadhom mhux mkissra sa qabel ma' gie mikri l-post lil Wyatt. Sostniet li l-unika kamra tas-sodda li tnehhiet minnhom kienet dik ta' isfel. Hija sostniet li ma ssuqx *tractors* u lanqas ghamlet xi *locks* jew ktajjen. Sostniet li hija ghalqet ix-xatba bil-firroll. Hija xtaqet li jnizzlu l-affarijiet mit-trakk halli tara jekk hadux xi haga minn taghhom. Spjegat li hija qghadet bil-qeghda fejn ix-xatba.

In **kontroezami**, hija spjegat li l-kuntratt ghamlu missierha. Hija ma kinitx hemm meta l-familja ta' Wyatt dahlu fil-post. Imma kienet hi li armat l-post. Sostniet li l-vann ma ratux miftuh u ma thallietx ticcekja x' kien tghabba gol-vann. Hija baqghet barra x-xatba. Sostniet li semghet hafna ghajjat u bdiet tithassar lill-pulizija. Sostniet li hija ppruvat tkun edukata mieghu. Sostniet li hija qatt ma hebbet ghalih. Sostniet li meta waslet hi, kien hemm gia' l-pulizija. Sostniet li qaghdu barra biex ma jitlaqx il-vann. Damet sad-disa' ta' bil-lejl. Li kieku hallihom jaghmlu l-spezzjoni, il-vann kien ikun jista' jitlaq. Hu seta' johrog b' saqajh xhin irid basta jhalli c-cwievet, izda bil-vann ma setax ghax kien hemm l-affarijiet taghha gol-vann. Sostniet li hija baqghet barra u ma tafx min awtorizazzhom jitilqu. Sostniet li hija tathom il-permess jifthu l-gate minn fejn dahal l-istess van. Qalet li dan ma kienx l-uniku access peress li seta' jghaddi bil-karozza minn access iehor. Izda bil-vann ma setax jghaddi minn dan l-access ghax kien jghaddi inkaxxat. Seta' wkoll jghaddi bil-pass minn access iehor. Sostniet li huma qatt ma

zammew lil hadd biex ma jitlaqx. Issir l-ispezzjoni u jkun jista' jitlaq. Sostniet li hija ghalqet biss xatba wahda ghaliex dik kellha x' taqsam maghha hi.

In **riezami,** hija spjegat li din il-gate li ghalqet tinsab fil-proprjeta' taghha. Ghalqet il-gate bil-firroll biss u ma kienx hemm *tractors* jew katnazzi.

**Joseph Mary Camilleri** xehed fis-seduta ta' l-4 ta' Gunju 2018 fejn spjega li huwa *taxi driver* ma' E Cabs. Kellu jmur ghal Stephen Wyatt u l-familja tieghu biex iwassalhom fl-ajruport. Sostna li huwa gie mwaqqaf minn Gieselle Napoli quddiem *gate* u qaltlu li ma jistax jghaddi minn hemm ghax proprjeta' taghha. Qal li huwa cempel lil Wyatt u qallu biex jghaddi minn sqaq filwaqt li jipparkja fil*main road.* Sostna li meta dahal fid-dar, kien hemm argumentli Wyatt seraq xi ghamara. Sostna li n-nies li kienu qed jghabbu l-ghamara ma thallewx jitilqu. Ma hallewhx jiehu l-karozza ta' Wyatt li dwarha nghata struzzjonijiet biex ibieghha. Spjega li wara hafna hin, il-persuni bil-vann thallew johorgu u imbaghad huwa thalla johrog bil-karozza. Spjega li kien hemm access iehor li minnu setghu johorgu bil-karozza apparti l-access bir-rigel. Sostna li l-pulizija kienu qed jippruvaw jikkalmaw is-sitwazzjoni. Qal li kienu cemplu lil Atrium li kkonfermaw li Wyatt kien xtara xi ghamara minn hemm. Sostna li l-pulizija ma uzawx xi forza mal-persuni nvoluti. Pace kienu qed iwaqqfu lill-familja ta' Wyatt milli tohrog ghaliex allegatament dan kien seraq xi ghamara. Lilu hadd ma waqqfu milli johrog izda kien hemm hin fejn Wyatt gie mwaqqaf milli johrog mieghu. L-accessi kienu mblukkati. Sostna li wiehed mill-accessi kien imblukkat b' karozza mentri z-zewg accessi l-ohra kienu mimlija gebel u setghu jkunu accessibbli bir-rigel.

Sostna li ntuza xi kliem razzist mhux mill-familja Wyatt. Sostna li meta wasal laccessi kienu gia' bblukkjati. Sostna li fl-isqaq qabel qatt ma kien hemm gebel. Sostna li huwa ma jafx x' tip ta' karozza kienet qed timblokka l-access. Ma nghatat l-ebda ordni biex l-access jigi zblukkat.

**Chris Vassallo** xehed fl-4 ta' Gunju 2018 fejn qal li huwa sid ir-*relocation company Cube Relocations Ltd.* Qal li huma ghabbew it-trakkijiet izda ma thallewx johorgu u stennew ghal xi saghtejn u nofs jew tlett sighat. Il-gate kienet maghluqa b' katnazz. Jipprezumi li kienu nies mqabbdin mis-sid li sakkruha. Spjega li ma setghux isuqu 'l barra minn fejn gew. Imbaghad finalment il-pulizija fethu l-gate. Kien hemm kwistjoni bejn is-sid u l-klijent taghhom. Kien hemm glied bejn il-partijiet. Il-klijent kien ser jissakkar god-dar u ma jhallix lil ohrajn jidhlu. Huwa ra li Charles Pace gie mwaqqaf minn Wyatt milli jidhol. Charles Pace semma xi gwardarobba nieqsa. Huma ma ppakjawx din il-gwardarobba. Huma damu biex ghamlu x-xoghol taghhom imma imbaghad kellhom joqghodu

jistennew. Il-pulizija kienu qed jikkalmaw lill-partijiet. Spjega li huma bdew fit8.30 ta' filghodu u spiccaw sat-tlieta ta' wara nofsinhar. Spjega li s-sidien gew wara nofsinhar u sa dak iz-zmien ma kinux ghadhom gew mghobbija l-affarijiet gol-vann. Ma gewx iccekjati qabel ma tghabbew. Qal li imbaghad ghabbew u imbaghad baqghu jistennew xi siegha sakemm thallew johorgu. Huwa kkonferma mas-sidien li ma kinux ghabbew gwardarobba *white gloss.* Fl-ahhar wara li lpulizija qalu lis-sidien li kien illegali li persuni jinzammu kontra r-rieda taghhom, is-sidien fethu l-gate.

Huwa kkonferma li Wyatt kellu xi ghamara mahzuna f' garaxx iehor u Francis Pace akkumpanjah biex imoru jigborhom. Spjega li marru bil-mixi u imbaghad bilkarozza ta' Pace. L-oggetti ta' Wyatt thallew gol-karozza ta' Pace. F' dan il-garaxx, ma kien hemm l-ebda gwardarobba.

**PC 1324** xehed fl-4 ta' Gunju 2018 u qal li fil-21 ta' Ottubru 2016 fi 1.30 ta' wara nofsinhar kien gie Francis Pace l-ghassa jaghmel rapport li kellu xi problemi dwar kera mal-inkwilin. Spjega li kien gie nfurmat li dan kien kaz civili u dan mar u rega' gie fejn qal li kellu argument ma' l-inkwilin Stephen Wyatt. Hu u PC 486 marru jkellmu lil Wyatt . Spjega li kien qam argument dwar xi ghamara u

problema skalat tant li damu mill-erbgha ta' wara nofsinhar sad-9 ta' bil-lejl. Huma bhala pulizija ma jidhlux fuq l-ghamara izda kienu hemm biex izommu lordni. Spjega li kien hemm it-tfal ta' Francis Pace, xi xufier u haddiema ohra apparti l-familja ta' Wyatt. Spjega li ma ridux ihallu lil Wyatt jitlaq. Kien hemm access bil-mixi miftuh izda bil-vetturi ma setghux johorgu. Spjega li l-pulizija serviet ta' djalogu bejn il-paritjiet. Spjega li waqt il-glied kien hemm certu dagha izda mhux nsulti.

Spjega li Wyatt kien ser isiefer u kien qed jipproponi li l-spezzjoni ssir l-ghada. Spjega li Francis Pace imbaghad kien infurmahom li ma setghetx issir l-ghada ghaliex dan kien ser isiefer dakinhar stess. Spjega li s-superjur tieghu qallu biex ikunu prezentai sakemm tigi risolta l-kwisjtoni. Spjega li kien instab kompromess u kien hareg anke x-xufier izda kien baqa' dawk ta' l-ghamara. Sostna li dawn telqu ghax la kien telaq Wyatt, ma kellhomx ghalfejn ihalluhom hemm. Insista li l-pulizija ma jidhlux fuq kwisjtonijiet ta' hlas. Spjega li kien hemm gebel mal-art go sqaq ta' wara biex vettura ma tkunx tista' tohrog. Spjega li l-gate inghalqet u kien hemm karozzi tas-Sur Pace. Ma jafx jekk kienx hemm katnazzi max-xatba.

**WPS 210** xehdet fl-4 ta' Gunju 2018 fejn qalet li Charles Pace kien talab lassistenza tal-pulizija minhabba li Wyatt kien ser jitlaq u ried jaghmel spezzjoni. Gew moghtija struzzjonijiet jassistu ghal buon ordni. Saret spezzjoni minn fejn irrizulta li kien hemm xi hsarat li tinvolvi xi mekkanizmu ta' swimming pool,

remote control ta' televixin, tbabar suwed fuq wicc gradenza u kien hemm xi gwardarobba bil-mirja li tammonta ghal EUR 500 li kienet nieqsa. Spjegat li kien hemm diversi tghajjir bejn iz-zewg partijiet u ftit tal-hin wara gie xufier tat-taxi ghal familja Wyatt. Kien hemm trakk tal-ghamara u l-familja Pace riedu li ssir tfittxija fuq it-trakk ghax allegaw li kienet insterqet din il-gwardarobba. Spjegat li ghalqu l-access biex ma jkunx jista' johrog it-trakk. Huma baqghu hemm biex jikkalmaw is-sitwazzjoni.

Spjegat li oht Charles Pace ghalqet l-access appartenenti lilha. Charles Pace fetah l-access li kellu izda karozza kienet tghaddi u mhux trakk. Kien hemm access moghti bil-mixi. Sostniet li kien hemm 4 pulizija fuq il-post. Sostniet li kien hemm kliem ta' razzizmu min-naha tal-familja Pace fejn bdew jirreferu ghal Wyatt bhala iswed. Spjegat li Wyatt kien il-hin kollu jgholli lehnu mal-pulizija u jghid li lpulizija kien qed jkunu razzisti fil-konfront tieghu. Sostniet li l-ufficjali tal-pulizija kienu gew investigati u gew liberati. Sostniet li l-access nfethet ghax Pace ghejjew u ma baqghux interessati li jmexxu aktar ir-rapport. Ikkonfermat li kien sar kuntatt ma' l-Atrium dwar gwardarobba li kienet inxtrat minn Wyatt.

**Christine Pace** xehdet fl-4 ta' Gunju 2018 fejn qalet li hi u ohtha Gieselle kienu fil-hanut taghha meta cemplilhom missierhom ghal xi saghtejn neqsin ghoxrin. Dan kien ippanikjat u peress li jbati b' qalbu, marru sa fejnu. Sostniet li Wyatt kien hebb ghal missieru meta dan mar fejnu u sabu qed jimmovja. Sostniet li meta waslu fuq il-post, gia kien hemm xi pulizija. Spjegat li ohtha marret biex tkellem lil Wyatt u dan hareg jghajjat barra ma' wicc ohtha u kwazi hebb ghal ohtha. Wyatt sakkar il-proprjeta' u ma hallihomx jidhlu fi hwejjighom. Hija cahdet li huma zammew lil Wyatt f' xhin kontra r-rieda tieghu. Huma riedu jikkjarifikaw l-affarijiet. Spjegat li dan ma kkoperax u kien jghajjat mal-pulizija. Spjegat li huma qghadu ' l boghod minn Wyatt. Il-pulizija zammewhom 'il boghod. Spjegat li ohtha giet mghajjra *white bitch* u li huma mejtin bil-guh. Spjegat li imbaghad huma baqghu lkoll barra. Spjegat li huha biss dahal ghall-ispezzjoni.

Spjegat li hija ma tafx min xehet il-gebel go l-isqaq izda hemmhekk hemm il-hitan tas-sejjieh. Sostniet li huma jahdmu bhala familja. Spjegat li kien hemm kwistjoni fuq hlas ta' kera u fuq kont tad-dawl. Il-kera kienet imbaghad ittiehdet middepozitu li kien halla hu fil-bidu tal-kuntratt.

**Francis Pace** xehed fl-4 ta' Gunju 2018 fejn qal li huwa kien mar fil-farmhouse mikrija ghal xi siegha wara nofsinhar u Wyatt kien ghamel ghalih u qallu biex jitlaq. Huwa spjega li mar l-ghassa. Wyatt kien qallu li sejjer l-ghada u lill-pulizija. Qal li imbaghad kienu gew biex igorru l-ghamara. Spjega li dan kien heddu li ser joqtlu. Huwa rnexxielu jidhol fil-proprjeta' flimkien ma' ibnu. Sab fuq mahruq. Sab kamra tas-sodda nieqsa mill-gwardarobba. Qala' purtiera li mhux suppost

qalaghha. Sostna li Wyatt beda jghid li l-Maltin razzisti. Huwa ghandu 67 sena. Ikkonferma li huwa ffirma l-kuntratt ma' Wyatt. Spjega li kellhom relazzjoni tajba bejniethom. Sostna li dakinhar Wyatt inbidel ghax prova jidhak bih fuq il-kont tad-dawl u l-ilma. Spjega li kien imbaghad wara li sar ir-rapport li kien hemm ghamara nieqsa. Huwa cahad li Wyatt gab gwardarobbi mieghu.

**Provi dokumentarji**

Il-Qorti fliet id-dokumenti ezebiti li kienu jikkonsistu fis-segwenti:

Fil-**current incident report** ezebit a fol 3 sa 5 tal-process Il-Pulizija vs Francis Pace, gie mnizzel illi fil-21 ta' Ottubru 2016 ghal habta tas-siegha u nofs ta' wara nofsinhar Francis Pace irraporta gewwa l-ghassa tal-pulizija ta' Haz Zabbar fejn talab l-assistenza tal-pulizija minhabba li l-inkwilin Stephen Wyatt kien indirizzah b' mod aggrassiv. Gie rapportat li meta mitkellem mill-pulizija, Wyatt innega li kien aggressiv lejn Pace. Ir-rapport ikompli li iktar tard, Charles Pace talab l-assistenza tal-pulizija sabiex qabel Wyatt jivvaka mill-post mikri lilu, issir spezzjoni minnu u minn missieru Francis Pace biex issir verifika ta' xi hsarat kien hemm. Gie mnizzel li l-pulizija marret fuq il-post sabiex ma jinqalax inkwiet bejn il-partijiet ghal bon ordni. Ir-rapport ikompli li meta saret l-ispezzjoni, Francis Pace u Charles Pace sostnew li bhala hsarat kien hemm zewg umbrellel ta' fejn isswimming pool, il-plastic li jghatti l-post fejn kien hemm il-magni ta' l-iswimming pool, remote control tat-televixin, dbabar suwed fuq wicc gradenza u li kien hemm gwardarobba bil-mirja nieqsa minn kamra tas-sodda. Gie mnizzel li bhala hsara, l-istima kienet tammonta ghal madwar 1,000 ewro. Meta mitkellem mill-ufficjali tal-pulizija, Wyatt stqarr li l-umbrellel kienu nkisru bir-rih, il-plastic tasswimming pool kienet dejjem mkissra, ir-remote control inkisret b' mod accidentali minn ibnu kif ukoll id-dbabar suwed saru accidentalment ghaliex nsew xema' mixghula. Ir-rapport ikompli li l-pulizija osservat li ma kienx ser jintlahaq ftehim bejn il-partijiet u mal-hin Charles Pace stqarr li ma riedx ikompli birrapport u kien ser jieqaf hemm.

Gew prezentati dokument allegatament iffirmat minn PC 1324 S Aquilina; iehor allegatament iffirmat minn PC 486; iehor allegatament iffirmat minn PC 215; u iehor allegatament iffirmat minn WPS 210. Fix-xhieda tieghu, is-Supretendent Josric Mifsud sostna li dawn huma kopji originali iffirmati mill-kuntistabbli talpulizija tas-*subject files*. Sostna li suppost kien hemm annessi affidavits. Sostna li dawn id-dokumenti huma l-originali tal-pulizija ghaliex l-ohrajn gew *misplaced*. Din il-Qorti tqies li semmai jekk tali dokumenti gew *misplaced,* dawn l-ufficjali kellhom jergghu jaghmlu affidavits ohra mill-gdid jew inkella jitressqu jixhdu *viva voce*. Ghalhekk, l-istess Qorti mhijiex ser tqies u tikkonsidra l-kontenut ta' tali

dokumenti li ma jirrizultax li gew ikkonfermati bil-gurament tal-allegati firmatarji rispettivi taghhom.

Giet ipprezentata k**werela** datat 27 ta' Jannar 2016 (li taghmel referenza ghaddata ta' l-21 ta' Ottubru 2016 u giet ricevuta mill-pulizija fit-3 ta' Frar 2017) – F' din il-kwerela, intalab li jittiehdu passi kemm kontra l-ufficjali tal-pulizija nvoluti kif ukoll kontra l-familja Pace. Anness mal-kwerela kien hemm email li fih kien jikkontjeni *statement* allegatament maghmul minn Michelle Dinu liema *statement* ma hux iffirmat u lanqas b' xi mod kkonfermat bil-gurament. Hemm ukoll anness *statement* iffirmat minn Wyatt u Aimakova izda li mhux ikkonfermat bilgurament taghhom.

Giet ipprezentata **kwerela** datata 20 ta' Novembru 2017 da parti ta' Francis Pace, Charles Pace, Gieselle Napoli u Christine Pace.

Gie pprezentat **ftehim ta' kera** datat 13 ta' Awissu 2015 bejn Stephen Jerome Wyatt u Francis Pace. F' dan il-ftehim, kien hemm mnizzel li :

"*the lessee binds him/herself to allow the Lessor to check the inventory whenever lessor deems this necessary, by prior appointment at reasonable times.....*

*A copy of the attached inventory is being signed by both parties after being checked by the lessee in the presence of the owner.*

*The lessee shall be responsible for any shortages and/or breakages, damages, chipping or stains to articles or furniture (except fair wear and tear) and binds him/herslef to make good or replace such articles before vacating the premises."*

Giet ipprezentata *google map* ta' l-inhawi fejn tinstab il-farmhouse kif ukoll gew ezebiti sett ta' ritratti ta' kif allegatament kienu uhud mill-ambjenti in kwistjoni qabel ma' dahlet fihom il-familja Wyatt, kif ukoll xi *order forms* ta' ghamara li allegatament tpoggiet do din il-farmhouse.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti sejra issa tghaddi biex tezamina l-imputazzjonijiet imressqa kontra zzewg imputati.

Dwar l-**<u>ewwel imputazzjoni,</u>** din tirrigwarda akkuza ta' serq ta' zewg gwardarobbi, liema serq huwa aggravat bil-valur. Il-Qorti mhijiex sodisfatta li tressqu provi lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli dwar tali imputazzjoni. Mixxhieda prodotta, hemm fl-ewwel lok konfuzjoni shiha dwar jekk kienu zewg gwardarobbi nieqsa jew jekk kinitx wahda biss li kienet nieqsa. Fix-xhieda moghtija mill-ufficjali tal-pulizija u anke mix-xhud li kien qed jiehu hsieb limmuvjar ta' l-ghamara ghan-nom ta' Wyatt irrizulta li dejjem gwardarobba wahda ssemmiet. Anke Francis Pace semma gwardarobba wahda u mhux tnejn bhalma semmew ibnu Charles Pace u bintu Gieselle Napoli.

Huwa minnu li Napoli ezebiet xi ritratti biex turi dawn il-gwardarobbi li nstabu neqsin, izda dawn ir-ritratti ttiehdu fiz-zmien qabel ma' dahal fil-post Wyatt u lfamilja tieghu. In oltre, fil-ftehim tal-kera jissemma inventarju. Minn dan linventarju kien ikun facilment jigi stabbilit jekk kienx hemm effettivament dawn iz-zewg gwardarobbi li allegatament instabu nieqsa. Madanakollu, inventarju rrizulta li ma sarx u qatt ma gie ffirmat minkejja dak li gie miftiehem fil-kuntratt tal-kera miftiehem.

Fil-kamp kriminali, il-Qorti ma tistax toqghod fuq prezunzjonijiet jew assunzjonijiet izda trid titressaq prova lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli. Dwar din l-imputazzjoni, lanqas biss ma gie ppruvat lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli li kien hemm zewg gwardarobbi li effettivament ma baqghux hemm u li dawn effettivament ittiehdu mill-imputati. Ghaldaqstant, mill-provi akkwiziti f'dan il-process, ma jirrizultax lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni illi limputati hadu xi gwardarobbi. Tant hu hekk li mix-xhieda prodotta, irrizulta li dawn ma kinux gew ippakkjati fit-trakkijiet li fihom gew mghobbija l-ghamara ta' l-imputati u lanqas ma kienu jinstabu gewwa l-garaxx li fih tpoggew xi oggetti ta' l-imputati liema garaxx kien proprjeta' tal-familja Pace. Fil-fehma ta' din il-Qorti ma irrizultawx l-elementi materjali tar-reat in ezami.

Mehud kollox flimkien, din il-Qorti ma tpoggietx f'pozizzjoni li fiha tista legittimament tiddikjara l-htija tal-imputati skond il-ligi. Qieset kemm qieset iccirkostanzi kollha ta' dan il-kaz, din il-Qorti baqghet kolpita minn dubbju. Fi kliem iehor, mehud kollox flimkien, il-prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tilhaq il-grad talprova rikjest fil-kamp penali sabiex tigi dikjarata l-htija skond il-ligi.

Dwar **it-tieni imputazzjoni** , din tirrigwarda li b' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew fil-professjoni taghhom ikkagunaw hruq jew ghamlu xi hsara lil *chest of drawers*. Il-Qorti mhux sodisfatta kif kien l-istat ta' din il-gradenza qabel ma' bdiet il-lokazzjoni. Huwa minnu li gew ezebiti xi rcevuti li fihom hemm mnizzla gradenza izda min irrilaxxa tali rcevuti ma tressaqx bhala xhud biex jikkonferma dawn fejn gew stallati. Din il-Qorti tqies li ma kienx hemm prova sodisfacenti migjuba lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli dwar il-ħsara u n-natura taghha. Kien hemm min qal li kien hemm hruq fil-kamra tas-sodda (vide xhieda ta' Francis Pace). Kien hemm min qal li kien hemm dbabar suwed (vide xhieda ta' Charles Pace). Mill-banda l-ohra, Wyatt sostna li kien hemm *pinhead stains* li jista' jkun gew ikkagunati mill-*sparks* tan-nar meta nxteghlu xi xemghat. Ma gewx ezebiti ritratti mill-parte civile u mill-prosekuzzjoni li minnhom seta' jirrizulta ictu oculi n-natura tad-danni allegatament ikkagjonati. Il-Qorti tqies ghalhekk li din l-imputazzjoni lanqas ma giet sodisfacentement ippruvatha.

Dwar **it-tielet imputazzjoni**, din il-Qorti tqies li din lanqas ma giet ippruvatha. Il-Qorti qed tifhem li din l-imputazzjoni kienet tirrigwarda l-fatt li l-akkuzati ma hallewx lill-familja Pace jidhlu fil-farmhouse li dak il-hin kienet mikrija lilhom lakkuzati. Fl-ewwel lok, din ma setghetx tirrizulta fil-konfront ta' Charles Pace, Christine Pace u Gieselle Napoli stante li dawn mhumiex sidien hekk kif jirrizulta mill-ftehim tal-kera. Is-sid skont l-istess ftehim tal-kera kien Francis Pace. Fittieni lok, din lanqas ma tista' tissussisti stante fil-kliem tal-ligi nfisha biex jissussisti r-reat tar-ragion fattasi jinhtieg li l-imputat "ifixkel lil xi hadd filpussess ta' hwejgu." Fi kliem iehor jinhtieg att estern li jispolja lil haddiehor minn oggett li jkun qieghed igawdi. Jekk il-pussess ikun diga' qieghed ghand l-imputat u l-imputat jaghzel li jzomm dan il-pussess, ma jkun qieghed jaghmel l-ebda att estern li permezz tieghu inehhi l-oggett mill-pussess tat-terz u jimpussessa ruhu minnu. L-imputat ma jkun fixkel lil hadd mill-pussess ta' hwejgu ghax pussess ma jkunx kellu. Fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Eileen Said deciza fid-19 ta' Gunju 2002 il-Qorti ta' l-Appelli Kriminali spjegat li:

*"Ir-reat ma jissussistix meta l-att materjali jikkonsisti fir-retenzjoni ta' pussess li dak li jkun gia' ikollu. Hemm bzonn li jkun hemm att pozittiv li jippriva lit-terz, jew ifixklu fil-pussess tal-haga ghax kif jghid il-Carrara (Prog. Parte Speciale Vol 5 para 2850):-*

*'L' atto esterno deve privare altro contro sua voglia di un bene che gode. Chi e' nell' attuale godimento di un bene e continua a goderne a dispetto di chi non voglia; non delinque perche' la legge protegge lo "stato quo", il quale non puo' variarsi tranne per consenso degli interessati o per decreto della autorita' giudiziale."*

Dwar dan il-punt, hemm ukoll dottrina u gurisprudenza Taljana dwar ir-reat ta' ragion fattasi li minnu l-leġislatur Malti kien ġie kjarament ispirat, li tgħallem li

ż-żamma jew rifjut ta' konsenja ta' oġġetti per se ma twassalx għal dan ir-reat ta' ragion fattasi. Skont il-Majno, "*E per parita di ragione fu giudicato non costituire delitto di esercizio arbitrario il semplice fatto di trattenere e rifiutarsi a restituire*".(Codice per il Regno d'Italia, Luigi Maino – Libro II, Titolo IV, Art. 235 e 236, Para 1189, fol. 6).

F' dan il-kaz, il-pussess kien ghand l-imputati ghaliex huma kienu l-inkwilini talpost. Huwa minnu li s-sid tal-post jibqa' Francis Pace izda dan semmai kellu biss dritt ta' spezzjoni ai termini tal-ftehim ta' lokazzjoni wara li jinghata zmien ragjonevoli ta' preavviz lill-inkwilin. Bil-fatt li l-inkwilini rrifjutaw li jaghtu access lis-sid f' dak il-hin, ma jfissirx li kienu qed jipprivaw lil terz minn xi pussess ta' din il-farmhouse, u dana stante li l-pussess kien f' idejn l-imputati.

**Decide**

**Ghaldaqstant, il-Qorti ma ssibx lill-entrambi l-imputati hatja ta' limputazzjonijiet imressqa fil-konfront taghhom u qeghda tilliberahom minn kull htija u kundanna.**

**Magistrat Simone Grech**

**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Simone Grech**

**Illum 8 ta' Jannar 2020**

**Il-Pulizija**

**(Supretendent Josric Mifsud)**

**Vs**

**Francis Pace**

**Charles Pace**

**Gieselle Marie Napoli**

**Christine Pace**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet imressqa kontra Francis Pace ta' 66 sena iben Carmelo u Giovanna nee' Magro, imwieled Pieta, nhar il-14 ta' Frar 1951 residenti fil-fond numru White Farm, l-Irziezet, Mtahleb l/t Rabat, detentur tal-karta ta' l-identita numru 195451M; Charles Pace ta' 44 sena, iben Francis u Rita nee' Farrugia, imwieled Pieta, nhar l-14 ta' Settembru 1973 residenti fil-fond numru 166, Regina Pacis, Triq il-Vanilja, Mgarr, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 443573M; Gieselle Marie Napoli ta' 40 sena bint Francis u Rita nee' Farrugia mwielda Pieta nhar is-27 ta' Frar 1977 u residenti fil-fond numru Casa Magi, Triq Misrah Suffara, Rabat, detentrici tal-karta ta' l-identita numru 230477M u Christine Pace ta' 24 sena, bint Francis u Rita nee' Farrugia imwielda Pieta, nhar it-13 ta' Jannar 1993 residenti fil-fond numru White Farm, l-Irziezet, Mtahleb l/t Rabat u detentici tal-karta ta' l-identita' numru 46493M li permezz taghhom gew akkuzati li: *"nhar*

*il-21 ta' Ottubru 2016, ghal habta ta' bejn is-siegha u nofs ta' wara nofsinhar u d-disgha u nofs ta' filghaxija (1330 – 2130hrs) minn gewwa Sqaq Palma, Zabbar*

a) *Uzaw kliem jew imgieba ta' theddid, abbuzivi jew insolenti jew esibixxew xi materjal miktub jew stampat li kien ta' theddid, abbuziv jew insolenti jew xort' ohra gabu ruhhom b'd ak il-mod, bil-hsieb li b' hekk jqajjmu vjolenza jew mibeghda razzjali kontra xi persuna ohra partikolarment Stephen Jerome Wyatt u Aigil Aimakova jew grupp ta' persuni fuq bazi ta' generu, identita' tal-generu, orjentazzjoni sesswali, razza, kulur, lingwa, origini etnika, religjon jew twemmin jew opinjoni politika jew opinjoni ohra jew b' hekk hloqt il-probabbilita' li meta wiehed iqies ic-cirkostanzi kollha, titqajjem vjolenza jew mibeghda razzjali. Artikolu 82A tal-Kapitolu 9 talLigijiet ta' Malta.*

b) *Kif ukoll talli fl-istess lok, data, hin u cirkustanzi bla hsieb li jisirqu jew jaghmlu hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercitaw jedd li ppretendew li ghandhom gieghlu bl-awtorita' taghhom infushom jew fixklu lil Stephen Jerome Wyatt u Aigil Aimakova fil-pussess ta' hwejjighom jew b' xi mod iehor, kontra l-ligi indahlu fi hwejjeg haddiehor.*

*Il-Qorti hija mitluba li titratta lil Francis Pace wahdu bhala recediv ai termini tal-artikoli 49,50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie misjub hati b' diversi sentenzi, moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittiv u ma jistghux jigu mibdula.*

Rat it-traskrizzjonijiet kollha tax-xhieda moghtija fl-atti ta' din il-kawza.

Rat l-atti kollha tal-kawza li nstemghet kontestwalment ma' dik odjerna u cioe' latti tal-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Stephen Jerome Wyatt et.

Semghet trattazzjoni.

Rat l-atti kollha ta' din il-kawza.

Rat li l-kawza qeghda differita ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

**Provi mressqa**

**Xhieda viva voce**

In succint, il-provi mressqa kienu s-segwenti:

Is-**supretendent Josric Mifsud** xehed fis-seduta tal-21 ta' Frar 2018 fejn spjega li fil-21 ta' Ottubru 2016 huwa gie infurmat li kien hemm xi incident bejn Wyatt u Francis Pace fuq xi post fi Sqaq Palma, Zabbar. Sostna li ghal xi siegha u nofs jew s-saghtejn neqsin kwart ta' wara nofsinhar, Charles Pace kien gharrfu li missieru kien jikri post fi Sqaq Palma lil Wyatt u li dan kien halla xi hsarat. Spjega li huwa ordna lill-pulizija jmorru fuq il-post halli jzommu l-bon ordni minhabba ddizgwid li kien hemm bejn il-partijiet. Spjega li l-kwistjoni twalet peress li Pace nsistew li kienet ittiehdet xi gwardarobba minn gol-post filwaqt li Wyatt innega dan. Qal li kien hemm problema peress li l-ghamara kienet giet mghobbija go vann u Wyatt ma thalliex johrog minn go passagg partikolari ghax kienet proprjeta' ta' persuni partikolari li rrifjutat li thalli lil dan il-vann jghaddi minn hemm. Spjega li passagg bir-rigel li kien jaghti mill-post mikri ghal barra kien hemm u fl-ebda hin ma gie impediet Wyatt u l-familja tieghu milli johorgu minn dan il-passagg bir-rigel.

Spjega li sussegwentement, kien sar qbil li l-vann tithalla tohrog bl-affarijie, izda xhur wara rcieva kwerela da parti ta' Wyatt fejn saru allegazzjonijiet li Pace uzaw kliem razzist fil-konfront ta' Wyatt u l-familja tieghu. Huwa sostna li ma kienx prezenti fuq il-post.

In **kontroezami** , huwa kkonferma li l-kwerela da parti ta' Pace giet pprezentata fl-20 ta' Novembru 2017 madwar sena wara l-incident. Spjega li l-kwerela giet ipprezentata wara li Pace saru jafu li kienu ttiehdu proceduri kontra taghhom in vista ta' kwerela da parti ta' Wyatt u l-familja tieghu.

Kompla jghid li fil-21 ta' Ottubru 2016, huwa gie nfurmat b' dan l-incident minn Charles Pace. Spjega li s-surgenta WPS 210 kkonstat il-hsara li kienet saret. Wyatt kien talab li jittiehdu passi kontra Pace xhur wara meta ntbaghtet kwerela mill-Estonia. Il-kwerela waslet ghand il-pulizija fit-3 ta' Frar 2017.

**PC 215** xehed fil-21 ta' Frar 2018 fejn qal li huwa kien *second watch*l-ghassa Bormla fil-21 ta' Ottubru 2016 u mar mas-surgenta WPS 210 gewwa Springfield Farmhouse, Sqaq il-Palma, Haz-Zabbar. Spjega li Francis u Charles Pace kienu

krew din il-farmhouse lil Stephen Wyatt u Pace riedu jiccekjaw jekk kienx hemm hsarat fil-post lokat qabel ma jivvaka l-istess post. Qal li l-familja Pace allegat li bhala hsarat kien hemm xi zewg umbrellel mkissra, ghatu ta' plastik ta' pompa mkisser, xi remote nieqsa u xi gradenza b' wicc mtebba' b' likwidu iswed. Spjega li Wyatt ma riedx ihallas tal-hsarat. Qal li l-familja Pace bdiet tghid li kien hemm gwardarobba kollha mirja nieqsa. Xhin kienu fuq il-post, kien hemm vann fejn kienu qed jigu ppakkjati xi affarijiet ta' Wyatt. Sostna li bil-kemm setghu jikkoperaw ma' Wyatt ghaliex dan kien il-hin kollu jghid li l-Maltin razzisti, li ha jkellem lill-ambaxxata u skont PC 215 Wyatt kien stramb hafna maghhom. Spjega li huma baqghu f' kuntatt ma' l-ispettur. Charles Pace ta access lil Wyatt biex jitlaq. Qal li l-farmhouse kienet imqassma naha ghandha x' taqsam ma' oht Charles Pace u naha ma' Charles Pace. Izda l-access li kellu minghand Charles Pace ma setghax jghaddi l-vann. Fl-ahhar inghata access ghal xi tmienja ta' filghaxija biex il-vann ikun jista' johrog ukoll.

In **kontroezami**, huwa spjega li huwa wasal fuq il-post wara t-tlieta ta' wara nofsinhar. Huwa sostna li ma sema' l-ebda kliem razzist li ntqal fir-rigward ta' Wyatt. Wyatt lanqas ma gibidlu l-attenzjoni li kien intqal xi kliem razzist filkonfront tieghu. Sostna li Wyatt kien inghata access biex jitlaq bil-pass minn Charles Pace. Bil-vann ma setax jitlaq ghaliex kien hemm xi affarijiet li kienu nieqsa. Spjega li Charles Pace beda jghid li kien hemm gwardarobba nieqsa izda ma kienx possibbli li jerga' jitbattal il-vann kollu li kien gia tghabba. Sostna li lpulizija fl-ebda hin ma zammet lil Wyatt milli jitlaq. Insista li huma bhala pulizija kienu marru biss ghal bon ordni. Innegga li l-pulizija nsistew ma' Wyatt li kien ahjar ghalih li jhallas lil Pace. Spjega li l-kwistjoni giet risolta wara li l-familja Pace hadet parir minghand l-avukat taghha u kien inutli li kulhadd jibqa' hemm ghaliex Wyatt ried isiefer. Spjega li huwa ma jafx jekk dak li osserva mkisser kienx gie mkisser fi zmien li l-post kien mikri. Sostna li kien hemm xatba maghluqa. Spjega li l-pulizija bil-karozza dahlu fl-inhawi in kwistjoni.

In **riezami**, huwa spjega li ma setghux jikkomunikaw ma' Wyatt peress li kif kien jigi mitkellem, dan kien jgholli lehnu, jghid li l-Maltin kollha razzisti u li ha jcempel l-ambaxxata. Spjega li Wyatt ghamel hin twilfuq it-telefon fejn semma lillpulizija u kliem iehor bhal *fuck*. Spjega li kien difficli biex titkellem mieghu ghaliex kien qisu *powerful*. Sostna li x-xatba maghluqa kienet il-parti li jghaddu minnha l-vetturi u din kellha x' taqsam maghha oht Charles filwaqt li fejn tidhol bir-rigel ghandu x' jaqsam maghha Charles Pace.

In **kontroezami**, huwa kkonferma li thalla access ghal min ried. Il-kwistjoni damet minhabba l-hatt ta' l-ghamara u l-ispezzjoni. Ikkonferma li kien hemm prezenti Francis Pace u Charles Pace u imbaghad gew hut Charles Pace wkoll. Insista li huwa fl-ebda hin ma sema kliem razzist jew kliem li jista' jiftiehem li

huwa razzist. Qal li l-kliem razzist intqal fil-konfront tal-korp tal-pulizija. Kien Wyatt li kien qed jghid kliem bhal *fuck* fil-konfront tal-familja Pace. Sostna li Wyatt ghamel l-arja bl-ambaxxata u li l-kwistjoni ma kinitx ser tieqaf hawnhekk. Sostna li huwa ma jeskludix li ntqal kliem bhal *white bastards* jew *white bitch.* Spjega li huwa fejn Wyatt u s-sinjura tieghu kien. Sostna li huwa ma rax lil wahda mill-familja ta' Pace taghti daqqa lil Wyatt.

**Pc 486 Ryan Camilleri** xehed fil-21 ta' Frar 2018 fejn spjega li fil-21 ta' Ottubru 2016 ghal xi siegha u nofs, gie Francis Pace jirraporta li l-inkwilin kellu jhallsu xi ammonti u li dan kien aggressiv fil-konfront tieghu. Sostna li Pace kien qalilhom li kien qed jibza' jerga' jmur wahdu. Huwa flimkien ma' PC 1324 marru filfarmhouse u tkellmu ma' Stephen Wyatt li nnega li ma kienx hallas lil Pace u li kien aggressiv ma' Pace. Spjega li kif kienu hemm, gie Charles Pace u ssuggerewlu li jmur ikellem avukat fuq il-kwistjoni civili. Qal li ftit wara rcivew ordni millIspettur biex jergghu jmorru fuq il-farmhouse ma' Francis u Charles Pace biex tkun tista' ssir spezzjoni ta' xi affarijiet. Spjega li l-Ispettur qalilhom biex imorru ghal bon ordni. Spjega li huma regghu marru u spezzjonaw il-post ma' Charles u Francis Pace flimkien ma' Stephen Wyatt. Francis Pace qal li kienu hemm zewg umbrellel imkissra li Wyatt qal li kienu tkissru bir-rih. Kien hemm apparat tal*pool* li kien mghotti b' cover li kienet imkissra izda Wyatt insista li dik kienet imkissra sa mill-bidu. Kien hemm remote tat-televixin li Wyatt ammetta li tkissret b' mod accidentali mit-tifel tieghu. Kien hemm xi dbabar suwed fuq gradenza li Wyatt ammetta li kienu saru ghax nesa xi xemgha. Intqal li kien hemm gwardarobba ta' EUR 500 nieqsa izda Wyatt innega dan. Sostna li ftit wara Wyatt qal li l-gwardarobba kienet tieghu. Spjega li Wyatt qabel li jhallas gharremote u ghall-gradenza izda meta ntalab l-ammont ta' elf Ewro, huwa rrifjuta.

Spjega li l-elf ewro ntalbet fir-rigward tal-gradenza, tar-remote u talgwardarobba. Sostna li fl-ebda hin il-familja Pace ma zammet fizikament lil Wyatt u l-familja tieghu milli jitilqu mill-post. Il-prorjeta' hija maqsuma f' zewg bicciet. Qabel il-farmhouse hemm ghalqa u bit-triq li taghti passagg ghall-karozzi ghal gol-farmhouse. Fuq wara tal-farmhouse hemm sqaq zghir li jghaddu l-persuni minnu. Wyatt kellu vann mimlija u ried jghaddi bil-fors mit-triq. Il-proprjeta' ma kinitx ta' Francis Pace izda tat-tifla tieghu. Spjega li wara hafna, Charles u Francis Pace avvettaw li jhallu kollox ghaddej u fil-prezenza tieghu qalu li ma ridux jiehdu passi legali fil-konfront tal-familja Wyatt.

In **kontroezami**, huwa spjega li kien involut mill-bidu. Spjega li l-ewwel marru fuq il-post ghal xi saghtejn u imbaghad telqu u regghu marru ghal xi l-erbgha u nofs biex izommu l-bon ordni ghax kienet ser issir spezzjoni. Spjega li huma kellhom jmorru fuq il-post ghax il-persuni kienu aggressivi lejn xulxin. Ilkwistjoni spiccat ghad-9.30 ta' filghaxija. Spjega li l-vann ma setax johrog ghaliex kien

imblukkat b' vettura. Huwa cahad li ntqal xi kliem razzist fil-konfront ta' Wyatt. Sostna li Wyatt kien veru arroganti mal-pulizija u beda jghid li huma razzisti u li mhux qed jigi trattat bhal persuni ohra. Sostna li Wyatt seta' jitlaq xhin ried.

Kompla jghid li meta mar Francis Pace l-ghassa, dan kien qal li Wyatt kien aggressiv mieghu. Ikkonferma li l-kelma *fuck* giet uzata diversi drabi minn Wyatt. Din intuzat kemm fil-konfront tal-pulizija u kemm fil-konfront tal-familja Pace. Spjega li huwa baqa' jiftakar it-ton li kien qed juza Wyatt mal-pulizija. Ikkonferma li fil-proprjeta' mikrija, dahlu erba' persuni mill-familja Pace. Spjega li kien hemm tensjoni bejn il-partijiet. Spjega li ghall-ewwel il-kwistjoni bdiet fuq il-kera izda imbaghad daret fuq il-hsarat u l-gwardarobba nieqsa.

**Michelle Dinu** xehdet bil-lingwa Ingliza fil-21 ta' Frar 2018 fejn qalet li hija *carer* u kienet hadmet mal-familja Wyatt fuq bazi *part time* ghal sena fiz-Zabbar. Spjegat li hija rat tlett irgiel jippakkjaw l-affarijiet u hija kienet hemm biex tghinhom. Bejn is-saghtejn u t-tlieta ta' wara nofsinhar gie sid id-dar u beda jinghadd biex jitilqu mid-dar. Qalet li rat lil Francis Pace qabad flixkun u kien ser jaghti daqqa f' ras Stephen Wyatt bl-istess flixkun. Qalet li hija kienet fil-kcina. Francis Pace qabez fuq is-sufan, qabad flixkun u iben Francis Pace kien ser jiggieled ma' Stephen Wyatt. Spjegat li l-ohrajn bdew jinsulentaw lil Stephen Wyatt u jghidulu kliem bhal *monkey* u jordnawlu biex jitlaq. Spjegat li ma thallewx jitilqu. Hija gharrfet lil Francis Pace u lil ibnu.

Spjegat li anke l-bniet gew flimkien ma' missierhom u huhom u komplew jghidu kliem hazin. Spjegat li l-pulizija gew u ma setghux iwaqqfuhom. Sostniet li ma setghux jitilqu ghax xatba minnhom kienet imblukkata bil-gebel. Sostniet li rnexxielhom johorgu ghal habta tas-sitta ta' filghaxija. Sostniet li l-pulizija kienu qed jitkellmu mal-partijiet izda hi kienet mat-tfal ghaliex kienu qed jibku.

In **kontroezami** hija spjegat li ma ghadhiex tahdem ma' Wyatt. Spjegat li gieli kkomunikat mal-familja ta' Wyatt tramite *facebook*. Ikkonfermat li kien hemm pulizija prezenti u cioe' pulizija mara u tlett pulizija rgiel. Ikkonfermat li dawn kienu qed jghajjtu ma' kulhadd. Hija kkonfermat li semghet il-kliem *white bitch* u *asshole*. Hija kompliet li dan il-kliem ma ntqalx minn Wyatt izda minn wahda min-nisa Pace, precizament Gieselle Napoli. Il-pulizija ppruvaw jwaqqfu lil Pace milli jghidu dan il-kliem.

**Stephen Jerome Wyatt** xehed bil-lingwa Ingliza fil-21 ta' Frar 2018 fejn wara li ta l-*personal background* tieghu, spjega li hu u martu krew farmhouse minghand Francis Pace. Spjega li kellu relazzjoni tajba ma' Francis Pace u ghamel hafna

miljoramenti fl-istess post. Sostna li fil-ftehim tal-kera, hemm referenza ghallinventarju izda huwa qatt ma ffirma l-ebda inventarju. Ikkonferma li filfarmhouse kien hemm mobbli li kienu jappartjenu lil Pace. Spjega li qabel kienu joqghodu f' post iehor f' Attard u kienu xtraw xi ghamara fosthom gwardarobba ta' xi 4 metri, kif uukoll gwardarobba ohra. Spjega li meta dahlu fil-farmhouse, infurmaw lil Francis Pace li ma ridux gwardarobba u din tnehhiet u tpoggiet go *storge unit* ta' Pace. Sostna li Pace nehha gwardarobba wahda u halla wahda biss. Spjega li huma kellhom zewg gwardarobbi taghhom li tpoggew wahda fuq u wahda fil-*master bedroom*. Il-gwardarobba li halla Pace fil-farmhouse thalliet fil-kamra tas-sodda ta' fuq li kienet tintuza ghal mistednin.

Qal li xahar u nofs qabel ma' kienu ser jitilqu, infurmaw lil Pace li l-1 ta' Novembru kienet ser tkun l-ahhar gurnata taghhom. Madanakollu, irnexxielhom li jitilqu fil21 ta'Ottubru stante li kienu lahqu ssettiljaw l-affarijiet taghhom kollha. Francis Pace ghaddielu kont tad-dawl li kien ta' EUR 3,500 li thallas immedjatament minnu u hallsu tal-kera sa l-1 ta' Novembru. Fil-21 ta' Ottubru, spjega li kellu nnies biex jippakkjaw l-ghamara u Francis Pace gie fuq il-post ghal xi l-ghaxra u nofs. Spjega li dan kellu javzah 24 siegha qabel li kellu jaghmel spezzjoni. Kien hemm Michelle qed tnaddaf wara l-haddiema. Huwa talbu biex jigi hin iehor ghax dak il-hin kien hemm hafna konfuzjoni. Izda Francis Pace insista mieghu li ried jaghmel l-ispezzjoni dak il-hin. Qal li huwa ghalaq il-bieb u ma hallihx jidhol. Ftit hin wara, gie ragel ma' Francis Pace li gie ghall-glied. Kien hemm mara b' xagharha iswed li gharaf bhala Gieselle Napoli li taghtu daqqa ta' harta u huwa wissieha biex ma tergax taghmilha. Huwa sakkar il-bieb li kien *sliding door* talhgieg u cempel ghal pulizija.

Spjega li minn wara l-bieb tal-hgieg, Gieselle Napoli bdiet tghid kliem *oh you black mother fucker, you fucking monkey, you God damn nigger, go back to Africa.* Spjega li bdiet tghid lil martu *why do you let the monkey fuck you.*Kienet qed tagixxi bhal mignuna. Meta waslu l-pulizija, dawn talbuha biex titlaq. Spjega li dawn telqu u regghu gew ghal xi saghtejn ta' wara nofsinhar. Gew il-pulizija u kienu jghidulhom jitilqu. Dawn jitilqu u jergghu jigu. Sostna li huma ghalqu l-access billi poggew *tractor* u ghalqu bil-ktajjen. Huwa sostna li ma jafx meta sar dan kollu. Izda sostna li sar minnhom u kien ukoll kisru l-*lock* tax-xatba u ghamlu wahda ikbar. Ghal erbgha, regghu cemplu lil pulizija u din id-darba gew 4 pulizija. L-ufficjal mara tal-pulizija kienet fuq it-telefon ma' l-ispettur li kien qed jordna li huma ma setghux jitilqu. Ghal xi sitta kienu spiccaw jippakkjaw kollox. F' daqqa Gieselle Napoli u Francis Pace rnexxielhom jidhlu fejn il-bieb ta' barra u regghet tat daqqa lil Wyatt quddiem ufficjal tal-pulizija. Spjega li huwa qalilha quddiem l-ufficjal tal-pulizija li jekk terga' taghtih, kien ser jaghtiha lura. L-ufficjal tal-pulizija ma ghamel xejn.

Spjega li kien hemm pulizija beda jinsisti maghhom li jekk ma jhallsux lil Pace ma setghux jitilqu. Spjega li huwa cempel lil accountant u lin-nies li kienu jiehdu hsieb l-affarijiet taghhom li lkoll ikkonfermaw li kollox kien imhallas. Sostna li mbaghad Pace bdew jghidu li ttiehdet gwardarobba u li ghalhekk kellhom jaghtuhom EUR 2000. In-nies li ghabbew il-vann kienu hadu ritratti ta' dak li ppakkjaw u urew lil Pace r-ritratti tal-gwardarobbi. Sostna li Charles Pace beda jallega li gwardarobba li kien hemm fil-vann kienet proprjeta' taghhom u mhux tal-familja Wyatt. Qal li kellhom icemplu lil hanut minn fejn xtraw din ilgwardarobba sabiex igibu prova li dik il-gwardarobba kienet ta' Wyatt. Spjega li l-vann thalla jitlaq billi nfethet il-gate izda hu u l-familja tieghu flimkien maxxufier u Michelle ma thallewx jitilqu. Intalbu imbaghad EUR 250 ghaliex martu kienet tahraq xi xemghat u darba bl-*spark* taret ghal fuq gradenza. Sostna li ttebgha kienet size ta' *pin*. Qal li huwa ma riedx ihallas EUR 350 ghal tali hsara ghax din kienet *wear and tear*. Issemmiet *remote control* li huwa kien lest li jhallas xi EUR 5 jew Eur 10 ghaliha. Spicca li ma hallas xejn. Qal li huwa kellu mara tqila, tifel bil-guh, u kellu ajruplan x' jilhaq. Li kieku seta' jitlaq, kien jaqbad u jitlaq izda ma thalliex jitlaq.

**Aigul Aimakova** xehdet bil-lingwa Ingliza fil-21 ta' Frar 2018 fejn qalet li kien hemm sitt irgiel qed jippakkjaw l-affarijiet taghhom. Qalet li f' xhin wara nofsinhar semghet hsejjes mhux tas-soltu u nizlet fejn zewgha. Hemmhekk rat lil familja Pace prezenti fejn zewgha. In-nisa kienu qed jghajjtu u ma setghetx tifhem x' kienu qed jghidu. Michelle qaltilha li dawn kienu qed jagixxu b' mod stramb u zewgha fehemha li dawn kienu qed jinsistu li huma kien baqalghom ihallsuhom. Stephen Wyatt ghalaq il-bieb tal-hgieg u n-nisa baqghu jiggranfaw mieghu. Spjegat li hi staqsiethom xi jridu u meta dawn qalulha li kellhom ihallsuhom, hija staqsiethom ghalxiex. Spjegat li zewgha cempel lil pulizija. Waslu zewg pulizija rgiel u wahda mara li kellmu lil zewgha u lilha li nfurmawhom li kienu hallsu kollox. Il-puliziija marru 'l barra u kellmu lil Pace.

Spjegat li l-pulizija mbaghad nfurmawhom li Pace kienu qed jippretendu hlas ta' gwardarobba. Spjega li l-pulizija kienu qed jghaddu l-messaggi mill-familja Pace ghalihom u vice versa ghaliex hi kienet imwerwra mill-atteggjament ta' Pace. Spjegat li nfurmaw lil pulizija li huma kienu xtraw gwardarobba mill-Atrium u din kienet taghhom. Spjegat li Pace talbu li jaghmlu spezzjoni izda zewgha qal lil pulizija li din kellha ssir meta huma jkunu telqu.

Hija qalet li meta gew il-pulizija l-ewwel darba, ordnaw lil Pace jitilqu u dawn telqu izda imbaghad hi mit-tieqa rathom li ma kinux telqu u kien ghalhekk li regghu cemplu lil pulizija. Spjega li l-kwistjoni damet u binha kien bil-guh u beda jsir imqareb. Imbaghad Charles Pace kien awtorizza li jithallew jitilqu. Sostniet li l-access kien gie blukkat. Kien hemm access li tpoggew hafna gebel fih mentri

laccess l-iehor ghamlu *tractor* u *log*. Spjegat li x-xufier taghhom prova jagixxi ta' medjatur izda lanqas thalla jitlaq. Spjegat li l-familja Pace ma halliethomx jitilqu u l-pulizija bdew jinsistu li l-familja Wyatt riedet thallas. Spjegat li pulizija qalilha li persuni bhal familja Pace ma jirrispettawx lanqas lil pulizija.

In **kontroezami**, hija spjegat li hija ma ratx min kien qed isuq it-*tractor* izda sempliciment rat *tractor* quddiem ix-xatba. Spjegat li kien hemm *lock* fix-xatba izda mistoqsija jekk ratx min poggiha, qalet li ma ratx min wahhal dawn il-*locks*.

**Charles Pace** xehed fil-21 ta' Frar 2018, fejn qal li fit-18 ta' Ottubru 2016 missieru kien infurmah li l-inkwilin tal-farmhouse ta' Haz Zabbar kien ghadu ma hallasx il-kont tad-dawl u ilma u li meta staqsih ghal hlas, dan l-inkwilin kien qed jghajjat miegu. Spjega li huwa kien tkellem ma' l-inkwilin u tkellem ma' laccountant ta' l-istess inkwilin biex tigu solvuta l-kwistjoni. Spjega li l-inkwilin Wyatt kien aggressiv mieghu f' dik l-okkazzjoni tant li ghajru *mother fucker, white bastard.* Fil-21 ta' Ottubru 2016, missieru nfurmah li Wyatt kien ser jitlaq u huwa qal lil missieru biex imur bil-kwiet biex jispezzjona l-proprjeta'. Missieru mar ghal xi siegha u nofs u ftit wara missieru cempillu li Wyatt hareg ghalih . Qal lil missieru li kien ser jigi hu u safrattant mar l-ghassa u talab l-assistenza talpulizija ghal bon ordni. Spjega li huwa kellu dritt li ssir spezzjoni ai termini talkuntratt tal-kera. Spjega li kellem lil Spettur u dan qallu li ser jibghat xi ufficjali iktar tard ghal bon ordni.

Qal li xhin kienu sejrin fil-farmhouse, sab xi pulizija gewwa u kien hemm ohtu Gieselle Napoli agitata. Spjega li Wyatt hareg ghalih b' certu atteggjament u beda joffendik *mother fucker* u kliem ta' din in-natura. Spjega li huwa talbu li ssir spezzjoni izda din qallu biex isir ghada meta hu ikun lahaq telaq. Spjega li huma ma ghandhomx *tractors*. Lanqas ma ra ktajjen ghax kulhadd diehel u hiereg kien. Spjega li huma ghadu bilqeghda fuq bank bil-gebel. Spjega li ftit wara giet surgenta ippanikjata li Wyatt kien cempel li kienu qed joqtluh, izda huwa spjegalha li huma bilqeghda baqghu. Spjega li accettaw li jmorru fl-ghalqa ta' ohtu biex ikun iktar il-boghod.

Spjega li wara xi hin wara li kien izzarma kollox, saret l-ispezzjoni u Wyatt kellu atteggjament hazin hafna mal-pulizija. Spjega li hasbu li r-remote kienet imkissra imma kienet maqlugha u mbaghad irrangawha. Qal li huwa kien ra r-ritratti ta' kif armat il-post qabel ma' nkera. Il-post kien l-ewwel darba li nkera. Spjega li kien hemm zewg gwardarobbi ta' fuq nieqsa. Spjega li kien hemm hruq filgradenza. Spjega li Wyatt qal li kellu xi xemgha li harqet il-wicc tal-gradenza. Fuq gwardarobbi Wyatt qal li dawn kienu tieghu. Qam battibekk dwar il-gwardarobbi. L-ammont tal-hsarat u oggetti nieqsa kienu jammontaw ghal EUR

950. Spjega li meta nfurmat lil Wyatt li kellu jmur l-ghassa biex jispjega ruhu, dan kien vulgari u pastaz hafna. Kien ilu jcempel lill-ambaxxata u jipprova jimpressjona. Fl-ahhar huwa qata' qalbu u qalilhom biex ihalluh ghaliex ried jiffranka l-inkwiet lil kulhadd.

In **kontroezami**, huwa spjega li Francis Pace kera lil Wyatt. Sostna li linventarju kienu r-ritratti li ttiehdu. Huwa ma kienx ma' missieru meta dan mar fil-ghodu. Huwa ma kienx konvint li l-hlas kien sar u ghalhekk imbaghad intalab li jsiru l-verifiki. Ma rrizultax li kien hemm xi gwardarobba taghhom fil-vann. Sostna li l-pulizija kontra tieghu hadmu ghaliex Wyatt kien arroganti  u ma kien qed jikkalkula lil hadd.

**Gieselle Napoli** xehdet fil-21 ta' Frar 2018 fejn qalet li Wyatt kien kemm-il darba jilmenta fuq affarijiet bhal per ezempju hsejjes li taghmel plastik quddiem il-bieb meta jkun ir-rih. Spjegat li dakinhar ta' l-incident missierha cemplilha li Wyatt hebb ghalih u heddu li ser joqtlu. Qalet li hi u ohtha marru fuq il-post u hi ppruvat tkellem lil Wyatt bil-kelma t-talba. Sostniet li dan lanqas biss kien avzahom li kien ser jitlaq. Missierha kien mar b' kumbinazzjoni u ra l-vann u nies izarmaw. Spjegat li hi talbet lil Wyatt biex issir spezzjoni izda dan keccieha 'l barra u ghajjarha *white bastard* u *bitch.*  Spjegat li hija qatt ma tatu xi daqqa. Kien ragel vera aggressiv. Spjega li Wyatt cempel lil pulizija biex ikeccihom 'il barra mitterrazzin.

Ezebiet ritratti tal-gwardarobbi li ma nstabux fil-post. Dawn ir-ritratti ttiehdu minnha qabel ma' dahal Wyatt fil-post. Izda dawn il-gwardarobbi ma kinux hemm meta telaq Wyatt. Uriet ritratti ta' l-umbrellel li kienu ghadhom mhux mkissra sa qabel ma' gie mikri l-post lil Wyatt. Sostniet li l-unika kamra tas-sodda li tnehhiet minnhom kienet dik ta' isfel. Hija sostniet li ma ssuqx *tractors*  u lanqas ghamlet xi *locks* jew ktajjen. Sostniet li hija ghalqet ix-xatba bil-firroll. Hija xtaqet li jnizzlu l-affarijiet mit-trakk halli tara jekk hadux xi haga minn taghhom. Spjegat li hija qghadet bil-qeghda fejn ix-xatba.

In **kontroezami**, hija spjegat li l-kuntratt ghamlu missierha. Hija ma kinitx hemm meta l-familja ta' Wyatt dahlu fil-post. Imma kienet hi li armat l-post. Sostniet li l-vann ma ratux miftuh u ma thallietx ticcekja x' kien tghabba gol-vann. Hija baqghet barra x-xatba. Sostniet li semghet hafna ghajjat u bdiet tithassar lill-pulizija. Sostniet li hija ppruvat tkun edukata mieghu. Sostniet li hija qatt ma hebbet ghalih. Sostniet li meta waslet hi, kien hemm gia' l-pulizija. Sostniet li qaghdu barra biex ma jitlaqx il-vann. Damet sad-disa' ta' bil-lejl. Li kieku hallihom jaghmlu l-spezzjoni, il-vann kien ikun jista' jitlaq. Hu seta' johrog b' saqajh xhin irid basta jhalli c-cwievet, izda bil-vann ma setax ghax kien hemm l-affarijiet

taghha gol-vann. Sostniet li hija baqghet barra u ma tafx min awtorizazzhom jitilqu. Sostniet li hija tathom il-permess jifthu l-gate minn fejn dahal l-istess van. Qalet li dan ma kienx l-uniku access peress li seta' jghaddi bil-karozza minn access iehor. Izda bil-vann ma setax jghaddi minn dan l-access ghax kien jghaddi inkaxxat. Seta' wkoll jghaddi bil-pass minn access iehor. Sostniet li huma qatt ma zammew lil hadd biex ma jitlaqx. Issir l-ispezzjoni u jkun jista' jitlaq. Sostniet li hija ghalqet biss xatba wahda ghaliex dik kellha x' taqsam maghha hi.

In **riezami,** hija spjegat li din il-gate li ghalqet tinsab fil-proprjeta' taghha. Ghalqet il-gate bil-firroll biss u ma kienx hemm *tractors* jew katnazzi.

**Joseph Mary Camilleri** xehed fis-seduta ta' l-4 ta' Gunju 2018 fejn spjega li huwa *taxi driver* ma' E Cabs. Kellu jmur ghal Stephen Wyatt u l-familja tieghu biex iwassalhom fl-ajruport. Sostna li huwa gie mwaqqaf minn Gieselle Napoli quddiem *gate* u qaltlu li ma jistax jghaddi minn hemm ghax proprjeta' taghha. Qal li huwa cempel lil Wyatt u qallu biex jghaddi minn sqaq filwaqt li jipparkja fil*main road.* Sostna li meta dahal fid-dar, kien hemm argumentli Wyatt seraq xi ghamara. Sostna li n-nies li kienu qed jghabbu l-ghamara ma thallewx jitilqu. Ma hallewhx jiehu l-karozza ta' Wyatt li dwarha nghata struzzjonijiet biex ibieghha. Spjega li wara hafna hin, il-persuni bil-vann thallew johorgu u imbaghad huwa thalla johrog bil-karozza. Spjega li kien hemm access iehor li minnu setghu johorgu bil-karozza apparti l-access bir-rigel. Sostna li l-pulizija kienu qed jippruvaw jikkalmaw is-sitwazzjoni. Qal li kienu cemplu lil Atrium li kkonfermaw li Wyatt kien xtara xi ghamara minn hemm. Sostna li l-pulizija ma uzawx xi forza mal-persuni nvoluti. Pace kienu qed iwaqqfu lill-familja ta' Wyatt milli tohrog ghaliex allegatament dan kien seraq xi ghamara. Lilu hadd ma waqqfu milli johrog izda kien hemm hin fejn Wyatt gie mwaqqaf milli johrog mieghu. L-accessi kienu mblukkati. Sostna li wiehed mill-accessi kien imblukkat b' karozza mentri z-zewg accessi l-ohra kienu mimlija gebel u setghu jkunu accessibbli bir-rigel.

Sostna li ntuza xi kliem razzist mhux mill-familja Wyatt. Sostna li meta wasal laccessi kienu gia' bblukkjati. Sostna li fl-isqaq qabel qatt ma kien hemm gebel. Sostna li huwa ma jafx x' tip ta' karozza kienet qed timblokka l-access. Ma nghatat l-ebda ordni biex l-access jigi zblukkat.

**Chris Vassallo** xehed fl-4 ta' Gunju 2018 fejn qal li huwa sid ir-*relocation company Cube Relocations Ltd.* Qal li huma ghabbew it-trakkijiet izda ma thallewx johorgu u stennew ghal xi saghtejn u nofs jew tlett sighat. Il-gate kienet maghluqa b' katnazz. Jipprezumi li kienu nies mqabbdin mis-sid li sakkruha. Spjega li ma setghux isuqu 'l barra minn fejn gew. Imbaghad finalment il-pulizija fethu l-gate. Kien hemm kwistjoni bejn is-sid u l-klijent taghhom. Kien hemm glied

bejn il-partijiet. Il-klijent kien ser jissakkar god-dar u ma jhallix lil ohrajn jidhlu. Huwa ra li Charles Pace gie mwaqqaf minn Wyatt milli jidhol. Charles Pace semma xi gwardarobba nieqsa. Huma ma ppakjawx din il-gwardarobba. Huma damu biex ghamlu x-xoghol taghhom imma imbaghad kellhom joqghodu jistennew. Il-pulizija kienu qed jikkalmaw lill-partijiet. Spjega li huma bdew fit8.30 ta' filghodu u spiccaw sat-tlieta ta' wara nofsinhar. Spjega li s-sidien gew wara nofsinhar u sa dak iz-zmien ma kinux ghadhom gew mghobbija l-affarijiet gol-vann. Ma gewx iccekjati qabel ma tghabbew. Qal li imbaghad ghabbew u imbaghad baqghu jistennew xi siegha sakemm thallew johorgu. Huwa kkonferma mas-sidien li ma kinux ghabbew gwardarobba *white gloss.* Fl-ahhar wara li lpulizija qalu lis-sidien li kien illegali li persuni jinzammu kontra r-rieda taghhom, is-sidien fethu l-gate.

Huwa kkonferma li Wyatt kellu xi ghamara mahzuna f' garaxx iehor u Francis Pace akkumpanjah biex imoru jigborhom. Spjega li marru bil-mixi u imbaghad bilkarozza ta' Pace. L-oggetti ta' Wyatt thallew gol-karozza ta' Pace. F' dan il-garaxx, ma kien hemm l-ebda gwardarobba.

**<u>PC 1324</u>** xehed fl-4 ta' Gunju 2018 u qal li fil-21 ta' Ottubru 2016 fi 1.30 ta' wara nofsinhar kien gie Francis Pace l-ghassa jaghmel rapport li kellu xi problemi dwar kera mal-inkwilin. Spjega li kien gie nfurmat li dan kien kaz civili u dan mar u rega' gie fejn qal li kellu argument ma' l-inkwilin Stephen Wyatt. Hu u PC 486 marru jkellmu lil Wyatt . Spjega li kien qam argument dwar xi ghamara u

problema skalat tant li damu mill-erbgha ta' wara nofsinhar sad-9 ta' bil-lejl. Huma bhala pulizija ma jidhlux fuq l-ghamara izda kienu hemm biex izommu lordni. Spjega li kien hemm it-tfal ta' Francis Pace, xi xufier u haddiema ohra apparti l-familja ta' Wyatt. Spjega li ma ridux ihallu lil Wyatt jitlaq. Kien hemm access bil-mixi miftuh izda bil-vetturi ma setghux johorgu. Spjega li l-pulizija serviet ta' djalogu bejn il-paritjiet. Spjega li waqt il-glied kien hemm certu dagha izda mhux nsulti.

Spjega li Wyatt kien ser isiefer u kien qed jipproponi li l-spezzjoni ssir l-ghada. Spjega li Francis Pace imbaghad kien infurmahom li ma setghetx issir l-ghada ghaliex dan kien ser isiefer dakinhar stess. Spjega li s-superjur tieghu qallu biex ikunu prezentai sakemm tigi risolta l-kwisjtoni. Spjega li kien instab kompromess u kien hareg anke x-xufier izda kien baqa' dawk ta' l-ghamara. Sostna li dawn telqu ghax la kien telaq Wyatt, ma kellhomx ghalfejn ihalluhom hemm. Insista li l-pulizija ma jidhlux fuq kwisjtonijiet ta' hlas. Spjega li kien hemm gebel mal-art go sqaq ta' wara biex vettura ma tkunx tista' tohrog. Spjega li l-gate inghalqet u kien hemm karozzi tas-Sur Pace. Ma jafx jekk kienx hemm katnazzi max-xatba.

**WPS 210** xehdet fl-4 ta' Gunju 2018 fejn qalet li Charles Pace kien talab lassistenza tal-pulizija minhabba li Wyatt kien ser jitlaq u ried jaghmel spezzjoni. Gew moghtija struzzjonijiet jassistu ghal buon ordni. Saret spezzjoni minn fejn irrizulta li kien hemm xi hsarat li tinvolvi xi mekkanizmu ta' swimming pool, remote control ta' televixin, tbabar suwed fuq wicc gradenza u kien hemm xi gwardarobba bil-mirja li tammonta ghal EUR 500 li kienet nieqsa. Spjegat li kien hemm diversi tghajjir bejn iz-zewg partijiet u ftit tal-hin wara gie xufier tat-taxi ghal familja Wyatt. Kien hemm trakk tal-ghamara u l-familja Pace riedu li ssir tfittxija fuq it-trakk ghax allegaw li kienet insterqet din il-gwardarobba. Spjegat li ghalqu l-access biex ma jkunx jista' johrog it-trakk. Huma baqghu hemm biex jikkalmaw is-sitwazzjoni.

Spjegat li oht Charles Pace ghalqet l-access appartenenti lilha. Charles Pace fetah l-access li kellu izda karozza kienet tghaddi u mhux trakk. Kien hemm access moghti bil-mixi. Sostniet li kien hemm 4 pulizija fuq il-post. Sostniet li kien hemm kliem ta' razzizmu min-naha tal-familja Pace fejn bdew jirreferu ghal Wyatt bhala iswed. Spjegat li Wyatt kien il-hin kollu jgholli lehnu mal-pulizija u jghid li lpulizija kien qed jkunu razzisti fil-konfront tieghu. Sostniet li l-ufficjali tal-pulizija kienu gew investigati u gew liberati. Sostniet li l-access nfethet ghax Pace ghejjew u ma baqghux interessati li jmexxu aktar ir-rapport. Ikkonfermat li kien sar kuntatt ma' l-Atrium dwar gwardarobba li kienet inxtrat minn Wyatt.

**Christine Pace** xehdet fl-4 ta' Gunju 2018 fejn qalet li hi u ohtha Gieselle kienu fil-hanut taghha meta cemplilhom missierhom ghal xi saghtejn neqsin ghoxrin. Dan kien ippanikjat u peress li jbati b' qalbu, marru sa fejnu. Sostniet li Wyatt kien hebb ghal missieru meta dan mar fejnu u sabu qed jimmovja. Sostniet li meta waslu fuq il-post, gia kien hemm xi pulizija. Spjegat li ohtha marret biex tkellem lil Wyatt u dan hareg jghajjat barra ma' wicc ohtha u kwazi hebb ghal ohtha. Wyatt sakkar il-proprjeta' u ma hallihomx jidhlu fi hwejjighom. Hija cahdet li huma zammew lil Wyatt f' xhin kontra r-rieda tieghu. Huma riedu jikkjarifikaw l-affarijiet. Spjegat li dan ma kkoperax u kien jghajjat mal-pulizija. Spjegat li huma qghadu ' l boghod minn Wyatt. Il-pulizija zammewhom 'il boghod. Spjegat li ohtha giet mghajjra *white bitch* u li huma mejtin bil-guh. Spjegat li imbaghad huma baqghu lkoll barra. Spjegat li huha biss dahal ghall-ispezzjoni.

Spjegat li hija ma tafx min xehet il-gebel go l-isqaq izda hemmhekk hemm il-hitan tas-sejjieh. Sostniet li huma jahdmu bhala familja. Spjegat li kien hemm kwistjoni fuq hlas ta' kera u fuq kont tad-dawl. Il-kera kienet imbaghad ittiehdet middepozitu li kien halla hu fil-bidu tal-kuntratt.

**Francis Pace** xehed fl-4 ta' Gunju 2018 fejn qal li huwa kien mar fil-farmhouse mikrija ghal xi siegha wara nofsinhar u Wyatt kien ghamel ghalih u qallu biex jitlaq. Huwa spjega li mar l-ghassa. Wyatt kien qallu li sejjer l-ghada u lill-pulizija. Qal li imbaghad kienu gew biex igorru l-ghamara. Spjega li dan kien heddu li ser joqtlu. Huwa rnexxielu jidhol fil-proprjeta' flimkien ma' ibnu. Sab fuq mahruq. Sab kamra tas-sodda nieqsa mill-gwardarobba. Qala' purtiera li mhux suppost qalaghha. Sostna li Wyatt beda jghid li l-Maltin razzisti. Huwa ghandu 67 sena.

Ikkonferma li huwa ffirma l-kuntratt ma' Wyatt. Spjega li kellhom relazzjoni tajba bejniethom. Sostna li dakinhar Wyatt inbidel ghax prova jidhak bih fuq il-kont tad-dawl u l-ilma. Spjega li kien imbaghad wara li sar ir-rapport li kien hemm ghamara nieqsa. Huwa cahad li Wyatt gab gwardarobbi mieghu.

**Provi dokumentarji**

Il-Qorti fliet id-dokumenti ezebiti li kienu jikkonsistu fis-segwenti:

Fil-**current incident report** ezebit a fol 3 sa 5 tal-process Il-Pulizija vs Francis Pace, gie mnizzel illi fil-21 ta' Ottubru 2016 ghal habta tas-siegha u nofs ta' wara nofsinhar Francis Pace irraporta gewwa l-ghassa tal-pulizija ta' Haz Zabbar fejn talab l-assistenza tal-pulizija minhabba li l-inkwilin Stephen Wyatt kien indirizzah b' mod aggrassiv. Gie rapportat li meta mitkellem mill-pulizija, Wyatt innega li kien aggressiv lejn Pace. Ir-rapport ikompli li iktar tard, Charles Pace talab l-assistenza tal-pulizija sabiex qabel Wyatt jivvaka mill-post mikri lilu, issir spezzjoni minnu u minn missieru Francis Pace biex issir verifika ta' xi hsarat kien hemm. Gie mnizzel li l-pulizija marret fuq il-post sabiex ma jinqalax inkwiet bejn il-partijiet ghal bon ordni. Ir-rapport ikompli li meta saret l-ispezzjoni, Francis Pace u Charles Pace sostnew li bhala hsarat kien hemm zewg umbrellel ta' fejn isswimming pool, il-plastic li jghatti l-post fejn kien hemm il-magni ta' l-iswimming pool, remote control tat-televixin, dbabar suwed fuq wicc gradenza u li kien hemm gwardarobba bil-mirja nieqsa minn kamra tas-sodda. Gie mnizzel li bhala hsara, l-istima kienet tammonta ghal madwar 1,000 ewro. Meta mitkellem mill-ufficjali tal-pulizija, Wyatt stqarr li l-umbrellel kienu nkisru bir-rih, il-plastic tasswimming pool kienet dejjem mkissra, ir-remote control inkisret b' mod accidentali minn ibnu kif ukoll id-dbabar suwed saru accidentalment ghaliex nsew xema' mixghula. Ir-rapport ikompli li l-pulizija osservat li ma kienx ser jintlahaq ftehim bejn il-partijiet u mal-hin Charles Pace stqarr li ma riedx ikompli birrapport u kien ser jieqaf hemm.

Gew prezentati dokument allegatament iffirmat minn PC 1324 S Aquilina; iehor allegatament iffirmat minn PC 486; iehor allegatament iffirmat minn PC 215; u iehor allegatament iffirmat minn WPS 210. Fix-xhieda tieghu, is-Supretendent

Josric Mifsud sostna li dawn huma kopji originali iffirmati mill-kuntistabbli talpulizija tas-*subject files.* Sostna li suppost kien hemm annessi affidavits. Sostna li dawn id-dokumenti huma l-originali tal-pulizija ghaliex l-ohrajn gew *misplaced.* Din il-Qorti tqies li semmai jekk tali dokumenti gew *misplaced,* dawn l-ufficjali kellhom jergghu jaghmlu affidavits ohra mill-gdid jew inkella jitressqu jixhdu *viva voce.* Ghalhekk, l-istess Qorti mhijiex ser tqies u tikkonsidra l-kontenut ta' tali dokumenti li ma jirrizultax li gew ikkonfermati bil-gurament tal-allegati firmatarji rispettivi taghhom.

Gietipprezentata k**werela** datat 27 ta' Jannar 2016 (li taghmel referenza ghaddata ta' l-21 ta' Ottubru 2016 u giet ricevuta mill-pulizija fit-3 ta' Frar 2017) – F' din il-kwerela, intalab li jittiehdu passi kemm kontra l-ufficjali tal-pulizija nvoluti kif ukoll kontra l-familja Pace. Anness mal-kwerela kien hemm email li fih kien jikkontjeni *statement* allegatament maghmul minn Michelle Dinu liema *statement* ma hux iffirmat u lanqas b' xi mod kkonfermat bil-gurament. Hemm ukoll anness *statement* iffirmat minn Wyatt u Aimakova izda li mhux ikkonfermat bilgurament taghhom.

Giet ipprezentata **kwerela** datata 20 ta' Novembru 2017 da parti ta' Francis Pace, Charles Pace, Gieselle Napoli u Christine Pace.

Gie pprezentat **ftehim ta' kera** datat 13 ta' Awissu 2015 bejn Stephen Jerome Wyatt u Francis Pace. F' dan il-ftehim, kien hemm mnizzel li :

"*the lessee binds him/herself to allow the Lessor to check the inventory whenever lessor deems this necessary, by prior appointment at reasonable times.....*

*A copy of the attached inventory is being signed by both parties after being checked by the lessee in the presence of the owner.*

*The lessee shall be responsible for any shortages and/or breakages, damages, chipping or stains to articles or furniture (except fair wear and tear) and binds him/herslef to make good or replace such articles before vacating the premises."*

Giet ipprezentata *google map* ta' l-inhawi fejn tinstab il-farmhouse kif ukoll gew ezebiti sett ta' ritratti ta' kif allegatament kienu uhud mill-ambjenti in kwistjoni qabel ma' dahlet fihom il-familja Wyatt, kif ukoll xi *order forms* ta' ghamara li allegatament tpoggiet do din il-farmhouse.

**Ikkunsidrat:**

Fir-rigward ta' l-ewwel imputazzjoni, din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li ntqal fil-kawza deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-15 ta' Lulju 2013 flismijiet *Il-Pulizija (Supt. Peter Paul Zammit) (Spt. George Cremona) (Spt. Angelo Caruana) Vs Norman Lowell:*

*L-artikolu 82A għandu dawn iż-żewġ elementi:*

*(a) Użu ta' kliem jew l-esbizzjoni ta' kliem stampat li jkun ta' theddid, abbużiv jew insolenti; (actus reus)*

*U*

*(b) il-ħsieb li tqajjem vjolenza jew mibegħda razzjali jew ilprobabilita' li titqajjem vjolenza jew mibegħda razzjali (mens rea).*

*Issa l-istess artikolu jiddefinixxi 'mibegħda razzjali' u jillimitha għal kontra grupp ta' persuni f'Malta u li din il-mibegħda tirreferi għall-kulur, razza, nazzjonalita' (inkluża ċittadinanza) jew oriġini etnika jew nazzjonali.*

*Il-kelma 'Malta' għandha l-istess tifsira li tidher filKostituzzjoni fl-artikolu 124 jiġifieri il-Gżejjer Maltin u l-ibħra ta' madwarhom."*

Din il-Qorti mhijiex konvinta li din l-imputazzjoni giet ippruvata lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli mill-Prosekuzzjoni.

Dana peress li mix-xhieda prodotta kien hemm varji diskrepanzi u konfliggenzi. L-ufficjali tal-pulizija kollha hlief WPS 210 cahdu li semghu f' xhin jinghadd kliem razzist u ingurjuz. Da parti taghha, WPS 210 semmiet li ntqalu xi insulti razzisti mill-familja Pace, izda din ma tisspecifikax x' kien dan il-kliem ingurjuz u razzist kif ukoll lanqas tindika minn min intqal.

Da parti tal-parte civile, Stephen Jerome Wyatt sostna li kienet Gieselle Napoli li nsulentatu u specifika bl-ezatt il-kliem li allegatament intqal. Dan qal li sema' dak li qed tghidlu Napoli minn wara l-bieb tal-hgieg li kien ghalaq hu stess biex ma jhallix lil dawn jidhlu. Dak il-hin lanqas kienu ghadhom waslu l-pulizija ghax kien ghadu kif cemplilhom u ghalhekk, apparti li l-Qorti ghandha d-dubbji taghha kif seta' jisma' dan kollu minn wara tali bieb tal-hgieg, lanqas ma jaqbel dak li allegatament qalet WPS 210 ghaliex dak il-hin hija lanqas kienet ghadha waslet fuq il-post. Madanakollu, Napoli cahdet li qatt qalet dan il-kliem. Ix-xhieda

moghtija minn Michelle Dinu ma kinitx wahda preciza peress li ghalkemm sostniet li sssemmew ix-xadini, din qalet li kienu ssemmew meta kien hemm biss Francis Pace u Charles Pace prezenti. Meta imbaghad sostniet li kien hemm prezenti Gieselle Napoli, din qalet li bdiet tghid *white bitch* u *asshole.* Dawn linsulti ma jaqblux ma' l-insulti li semma Wyatt fix-xhieda tieghu.

Dwar imbaghad ix-xhieda li tat Aigil Aimakova ma giex specifikat x' allegatament intqal mit-tfal bniet ta' Francis Pace. Din kulma qalet li kienu wara dan il-bieb tal-hgieg u kienu qed jagixxu qishom imgienen izda fl-ebda hin ma semmiet xi kliem intqal.

Il-Qorti qeghda tqies ghalhekk li l-Prosekuzzjoni ma ppruvatx l-actus reus ta' dan ir-reat u sejra tillibera lill-imputati kollha minn din l-imputazzjoni.

Dwar **<u>it-tieni imputazzjoni,</u>** il-Qorti tqies li din tqajjmet minhabba li ghal xi hin, Wyatt u Aimakova gew imfixkla fil-pussess ta' hwejjighom billi ma thallewx johorgu bil-mobbli taghhom minn din il-farmhouse.

Kif setghet tifhem din il-Qorti, Wyatt u Aimakova kellhom l-access bir-rigel dejjem accessibbli ghalihom u ghalhekk setghu jghaddu minn hemmhekk. Jirrizulta li kien hemm access iehor li minnhom setghu jghaddu bil-karozza. L-uniku access li ma setghux jghaddu minnhom kien dak appartenenti lil Gieselle Napoli li minnu kienu dahlu t-trakkijiet li fihom giet mghobbija l-ghamara u li imbaghad inghalaq bil-firoll.

Saru varji allegazzjonijiet li kien hemm *tractor* jew karozzi li kienu qed jaghlqu laccess ta' Wyatt u Aimakova. Izda ma tressqux provi dwar min kien saq dan it*tractor.* Saru allegazzjonijiet li kien hemm katnazzi izda prova dwar min kien ghamel dawn il-katnazzi (jekk effettivament kien hemm katnazzi) lanqas ma tressqet. Kien hemm allegazzjoni li kien hemm xi knaten u gebel fl-isqaq biex ma jkunx jista' jkun hemm access izda lanqas prova dwar min ghamel dawn il-knaten u l-gebel ma tressqet.

Il-Qorti tqies li ghal dak li jirrigwarda l-access li l-parte civile kienu jgawdu millentrata li minnha kienu jghaddu bil-vetturi u liema entrata kienet sitwata fi proprjeta' ta' Gieselle Napoli, dawn ma thallewx igawdu l-pussess li kellhom. IlQorti tqies li verament skont ix-xhieda moghtija minn Napoli, dan kien hemm biss firroll izda mix-xhieda moghtija minn Christine Pace u anke Gieselle Napoli,

dawn qghadu hemmhekk u ma hallewx lil tat-trakkijiet jghaddu ghaliex ippretendew li jispezzjonaw x' kien hemm fit-trakkijiet.

Fis-sentenza deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Spiru Bartolo nhar id-disgha (9) ta' Jannar tas-sena elfejn u sitta (2006) inqtal hekk:

*"Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta l-elementi kostituttivi tar-reat ta' "ragion fattasi" taht l-art.85 tal-Kodici Kriminali huma erbgha u cioe' :-*

*(a) att estern li jispolja lil xi hadd minn xi haga li tkun qieghed igawdi, liema att ikun esegwit kontra l-oppozizzjoni, espressa jew prezunta, ta' dan il-hadd iehor;*

*(b) il-kredenza li l-att qed isir b'ezercizzju ta' dritt ;*

*(c) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel "di privato braccio" dak li jmissu jsir permezz ta' l-awtorita' pubblika ; u*

*(d) n-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi. (Ara. App. Krim. "Il-Pulizija vs. Carmel maghruf bhala Charles Farrugia"[17.2.95] ; "Il-Pulizija vs. Reno Micallef"[6.6.95] ; "Il-Pulizija vs. Mark John Schembri"[18.9.2002] u ohrajn)."*

Il-Qorti tqies li dawn l-elementi rrizultaw ippruvati. Il-Qorti qeghda ssib ghalhekk lil Gieselle Napoli hatja ta' din it-tieni imputazzjoni u dana ghaliex bhala sid ilproprjeta' minn fejn kienu jghaddu l-parte civile bil-vejikoli, ghalqet bil-firroll u cahdet tali access lill-istess parte civile u haddiema taghhom. Irrizulta li limputati l-ohra lkoll qalu li hemmhekk kien proprjeta' ta' Gieselle Napoli, kif ukoll irrizulta kemm mix-xhieda tal-persuni li kienu responsabbli mill-immuvjar kif ukoll mix-xufier tat-taxi illi huma kienu jghaddu minn dik l-entrata bil-vejikoli u li l-parte civile kien jaccedi minn hemmhekk.

**Decide**

**Ghaldaqstant, din il-Qorti qeghda tillibera lill-imputati kollha mill-ewwel imputazzjoni, qeghda tillibera lill-imputati kollha hlief ghal Gieselle Marie Napoli mit-tieni imputazzjoni filwaqt li wara li rat l-artikolu 85(1) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lil Gieselle Marie Napoli hatja tattieni imputazzjoni u tikkundanna ghall-hlas ta' multa ta' sittin Ewro (EUR 50).**

**Magistrat Simone Grech**